# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
## SEDE KOSTITUZZJONALI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' April 2023**

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Kostituzzjonali Numru:- 363/2021 JVC**

**Frederick Attard (ID 716456M)**

**vs**

**Direttur Generali ghall-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali; u Malta International Airport Plc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' indoli kostituzzjonali fejn ir-rikorrent Frederick Attard premetta u talab kif isegwi:

‘Illi huwa kien impjegat mal-Gvern originarjament u gie ttrasferit mal-Malta International Airport. Il-Malta International Airport Plc ghalkemm kumpanija pubblika fiha sehem tal-Gvern u b'direttur fuq il-bord tal-istess li jahtru l-Gvern.

Id-Direttur tax-Xoghol huwa responsabbli ghall-kundizzjonijiet tal-impiegi f’Malti nkluzi l-kundizzjonijiet li persuna ma titkecciex ingustament minn fuq ix-xoghol u kwalunkwe kwistjoni li ghandha xtaqsam mal-kundizzjonijiet tax-xoghol ikunu regolati b'mod li tigi osservata l-ligi ta' Malta nkluża l-Kostituzzjoni.

Illi l-Malta International Airport Plc bdiet proceduri ta' dixxiplina u holqot port ta' dixxiplina skont collective agreement li kien sar. Il-collective agreement li kien sar bejn il-GWU u l-UHM kien fis-sens li meta jigi mahtur il-Bord ikun hemm Chairman maghzul minn pool li fl-ahhar mill-ahhar kien ta' tnejn minn nies u rappreżentant tal-kumpanija u rappreżentant tal-union. Fejn l-impjegat ma kienx membru ta' dawk il-unions allura huwa ma setax jahtar rapprezentant tieghu fuq il-bord tad-dixxiplina imma jaghzlu wiehed ghalih. F’dan il-kas partikolari ntghażel Charles Magro li bl-ebda mod ma kien tal-ghażla ta' Frederick Attard ghax lanqas biss kien jafu.

Illi f’din is-sitwazzjoni l-esponenti gie eskluż mid-drittjiet ta' fair hearing f’kas ta' dixxiplina u dan minhabba li t-tribunal gie kompost minn haddiehor b'diskriminazzjoni kontra tieghu skont l-Artiklu 14 ghaliex kieku kien f’wahda minn dawk il-unions kien ikollu rappreżentant tieghu.

Fil-fatt huwa kien f’union iżghar imma xorta kellu d-dritt ghall-liberta t'assocjazzjoni f’dik il-union. Li gie penalizzat ghax ma

kienx f'wahda miz-zewg unions il-kbar jikkostitwixi vjolazzjoni tad-dritt tieghu t'assocjazzjoni li d-Direttur tax-Xoghol meta gie ppreżentat bil-collective agreement bejn iz-zewg unions u l-kumpanija ma kellu bl-ebda mod jaccetta jew japprova li jkun hemm tali ftehim, peress li dan jivvjola d-dritt tal-liberta tal-assocjazzjoni u konsegwentement ukoll id-dritt tal-fair hearing ghaliex u tad-diskriminazzjoni minhabba l-istatus tal-persuna minhabba li kien membru tal-ebda wahda mill-unions li ma kienetx parti mill-collective agreement.

Illi l-esponenti pprova rimedji quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili u anke fil-grad ta' Appell però b'ezitu negattiv.

Dan ma jfissirx però li huwa m'ghandux leżjoni ta' drittjiet li qed iqajjem f'din il-kawża stante li hija kompetenti l-Prim Awla tal-Qorti Civili f'Sede Kostituzzjonali f'dawn il-materji.

Dan barra li l-kumpanija kienet innominat il-konsulent impjegat maghha bis-salarju li naturalment igib iktar żbilanc fil-kompożizzjoni tal-Bord ta' Dixxiplina, u ghalhekk l-anqas jista' jinghad li kien hemm tribunal imparzjali u indipendenti. Din hija materja ta' dritt civili li ghandu jkollu protezzjoni tieghu quddiem tribunal imparzjali u indipendenti, u fuq dan il-punt hemm is-sentenza tal-Qorti Ewropea v Malta, fejn kienet involuta decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Public Service Commission.

Jigi rilevat li meta d-Direttur intimat accetta l-ftehim kollettiv li kien sar bejn l-GWU u -UHM u l-Malta International Airport, kien fil-fatt qed jissanzjona l-holqien ta' "awtorita' gudikanti" biex tiggudika fuq id-dixxiplina ta' mpjegat bil-konsegswenzi ta' terminazzjoni ta' mpjieg u telfien ta' penzjoni tat-Tezor minhabba n-ness umbilikali li ghad hemm bejn il-Gvern u l-MIA plc.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha

(l) tiddikjara li l-proceduri accettati mid-Direttur tax-Xoghol fil-Collective Agreement li jhalli biss lill-Unions jinnominaw rappresentanti anke ghal dawk li mhux membri taghhom, kif ukoll b'nuqqas konsegwenti ta' trasparenza bil-hatra tac-chairman tal-Bord ta' Dixxiplina huma lesivi ghad-drittijiet tal-esponenti skont l-artikli 42 (liberta' tal-assocjazzjoni) u l-artiklu 45 (diskriminazzjoni minhabba appartenenza) tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittjiet fondamentali tal-Bniedem, marbut ukoll mal-Artiklu 14 tal-istess konvenzjoni, u ghalhekk null u bla effett;

(2) tiddikjara li l-esponenti ma kellux fair hearing fil-proceduri dixxiplinari hawn fuq riferiti, u dan bi ksur tal-Artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ghalhekk nulli u bla effett;

(3) taghti rimedju effettiv u tikkundanna lill-intimati ghad-danni morali sofferti mir-rikorrenti.

Bl-Ispejjez.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Generali ghall-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali li taqra kif isegwi:

l. 'Illi in linea preliminari l-mod li bih gie icitat in gudizzju l-intimat huwa erroneju stante li n-nomenklatura adoperata ma tirriżultax mil-ligi;

2. Illi in linea preliminari, permezz ta' din ir-risposta, l-intimat qieghed jirrespingi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kontenuti fl-istess rikors stante li fil-konfront taghha dawn huma ghal kollox infondati kemm fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta;

3. Illi l-esponenti tecepixxi illi ai termini tal-Artikolu 158(3) (c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi dikjarat illi ll-fatti kif dikjarati mill-attur qeghdin jigu kkontestati u jehtieg illi jigu pruvati;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ulterjuri, jinghad li partikolarment b'referenza ghas-sitt paragrafu tar-rikors promotur, fejn jinghad hekk: "*Illi d-Direttur tax-Xoghol meta gie preżentat bil-collective agreement bejn iż-żewg union u l-kumpanija ma kellu bl-ebda mod jaccetta jew japprova li jkun hemm tali ftehim*" - l-obbligu tal-esponent mhuwiex li jaccetta jew japprova *collective agreement.* L-unika referenza li ssir fil-igi dwar il-mansjoni tal-esponent f'dak li ghandu x'jaqsam ma' ftehim kolletivi tinsab fl-Artikolu 5(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta li tistabilixxi s-segwenti:

"*Meta l-kondizzjonijiet tal-impieg jigu preskritti fi ftehim kollettiv, il-principal jew il-principali li jkunu parti fih ghandhom fi żmien hmistax-il gurnata minn meta jigi ffirmat dak il ftehim* ***jibghatu lid-Direttur kopja tieghu awtentikata kif imiss:"***

Illi huwa ben pacifiku li l-irwol tal-esponenti huwa dak ta' depożitarju ta' ftehimi kollettivi u mhux dak li jeżamina kull wiehed li jintbaghat mill-principal u japprova l-istess. Li kieku kien il-każ allura l-ligi stess kienet tistabbilixxi dan b'mod car. Hawnhekk ma tistax ma ssirx referenza ghall principju ta' *ubi lex*

*voluit dixit, ubi noluit tacuit* - Fejn il-ligi riedet tghidu, qalitu. Fejn ma riditx tghidu, baqghet siekta. Ghalhekk l-ewwel talba tar-rikorrenti li permezz taghha qieghed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-proceduri accettati mill-intimat esponent huma lesivi ghad-drittijiet tar-rikorrenti hija legalment insostenibbli. Isegwi li fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrenti, l-esponenti qatt ma tista' titqies responsabbli ghal xi danni morali li jista' jippretendi r-rikorrenti;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti, l-argument tieghu li dispożizzjonijiet tal-ftehim kollettiv, specifikament il-holqien ta' bord ta' dixxiplina, jivvjola d-dritt tal-liberta' tal-assocjazzjoni u konsegwentement tal-fair hearing ghaliex skont hu r-rikorrenti mhux membru ta' ebda union – ma jreggix. Ma hemm l-ebda vjolazzjoni ta' dritt jekk kemm il-darba jigi ffirmat ftehim kollettiv li jorbot impjegati li mhux necessarjament membri ta' union li tgawdi l-maggoranza u konsegwentement hija rikonoxxuta bhala l-*collective bargaining union*. Il-fatt li r-rikorrenti mhuwiex membru ta' union(s) partikolari iżda xorta marbut bi ftehim kollettiv iffirmat mill-istess union(s) ma jivvjolax id-dritt tieghu li jissieheb ma' union /assocjazzjoni terza li mhux necessarjament firmatarja tal-ftehim kollettiv;

6. Illi f'digriet moghti in segwitu ta' rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (1034/18JRM) fl-ismijiet, "Air Malta plc vs Association of Airline of Operations Controllers (Malta) (AAOC), il-Prim Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Imhallef Joseph R. Micallef, gie ikkonfermat li fil-ligi taghna, ftehim kolletiv ghandu sahha ta' ligi (Malta Shipyards Ltd. vs General Workers Union") u jorbot lill-partijiet li jkunu dahlu ghalih bhalma jorbtu l-kuntratti maghmula sewwa taht il-ligi. Hekk ukoll, f'dak li jirrigwarda l-

kundizzjoniiet ta' impjieg, ftehim kollettiv, jorbot lill-haddiema kollha bl-istess ftehim u jikkostitwixxi l-kundizzjonijiet maghrufa tal-impjieg taghhom, imqar jekk dawk il-haddiema ma jkunux membri fit-*trade union* maghrufa mill-principal u li tkun innegozjat tali ftehim jew ikunu sahansitra membri f'union ohra;

7. Illi l-intimat esponenti ma ghandu ebda tip ta' informazzjoni dwar il-proceduri ta' dixxiplina li saret referenza ghalihom fir-rikors promoter u ghaldaqstant dwar il-fatti li taw lok ghal proceduri civili trid tirrispondi ghalihom is-socjeta' intimata;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jirriżulta n-necessita' fil-mori tal-kawża.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Malta International Airport Plc li taqra kif isegwi:

**'Risposti ta' Natura Preliminari**

1. Preliminarjament, MIA mhix legittimu kontradittur. Ma hemm l-ebda allegazzjoni li MIA hi responsabbli ghall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Addizjonalment, it-talbiet maghmula fir-rikors promotur mhumiex indirizzati lil MIA u ma jirrigwardawx eghmil jew azzjonijiet tal-MIA.

2. Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet maghmula fir-rikors promotur ma mhumiex proponibbli fir-rigward ta' MIA u ghaldaqstant ma jistghux jintlaqghu. Huwa l-istat biss li jista' jinstab responsabbli ghall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u ghaldaqstant (fil-każ li jinstab li hemm ksur) huwa l-istat jew L-awtorità pubblika li jehtieg jaghmel tajjeb ghal tali ksur.

3. Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ukoll, il-kwistjoni dwar dritt ta' smiegh xieraq kienet gja giet determinata fil-proceduri civili li ntavola r-rikorrent b'referenza numru 433/12 fl-ismijiet Frederick Attard v Malta International Airport p.l.c et ("l-Ewwel Proceduri"). B'sentenza fl-appell fis-17 ta' Marzu, 2021, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet tar-rikorrent. Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet biss, it-tieni talba rigwardanti s-sejbien ta' ksur taht l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ('il-Kostituzzjoni') u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet Fundamentali tal-Bniedem ("il-Konvenzjoni Ewropea") ghandha tigi michuda l-ghaliex il-kwistjoni gja giet konsiderata mill-Qrati Civili.

**Risposti fil-Mertu**

*L-ebda ksur tal-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

4. Fil-mertu, ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u lanqas l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea. Mir-rikors promotur nniffsu jirriżulta li r-rikorrent fil-fatt kien membru f'union iżghar u kellu kull dritt u opportunita' li jassocja lilu nnifsu ma' dik il-union. Ir-rikorrent bl-ebda mod ma gie ppenalizzat minhabba l-fatt li hu ma kienx membru tal-GWU jew il-UHM. Bl-ebda mod ma gie mfixkel ir-rikorrent fit-tgawdija tal-libertà tieghu ta' ghaqda u assocjazzjoni pacifika kif sanciti b'dawn id-dispożizzjonijiet legali.

5. Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li ftehim kollettiv huwa kuntratt validu u enforzabbli li ghandu s-sahha ta' ligi bejn il-partijiet. Huwa daqstant iehor pacifiku li trade union rikonoxxuta firmatarja ta' ftehim kollettiv ma tkunx qed torbot

biss lilha nnifisha, iżda tkun qed tiffrma f'isem impjegati kollha tas-socjetà esponenti u torbot ukoll lilhom, irrispettivament minn jekk humiex membri ta' union, jew humiex membri ta' union ohra li mhix dik rikonoxxuta ghall-finijiet ta' negozjar kollettiv. F'dan l-isfond, il-proceduri ta' dixxiplina jifformaw parti ntegrali mill-ftehim kollettiv bejn is-socjetà esponenti u l-unions li (flimkien) huma rikonoxxuti ghall-finijiet ta' negozjar kollettiv, liema ftehim ghandu jigi rispettat skond il-massima tal-*pacta sunt servanda*. Illum hemm anke r-Regolamenti dwar Rikonoxximent tat-Trade Unions (Avviż Legali 413 tal-206) li jistipula b'mod esplicitu li "*galadarba union tigi rikonoxxuta bhala l-unika union li tista' tinnegozja fuq il-post tax-xoghol, l-ebda union ohra ma tista tintervjeni fuq materja kollettiva relatata mal-impjegati koncernati mal-principal, u min-naha l-ohra, ebda principal ma jista' jiddiskuti xi materja kollettiva relatata mal-impjegati koncernati ma' union li mhijiex il-union rikonoxxuta*".

*L-ebda ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea*

6. Fil-mertu ukoll l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma jistax jigi favorevolment invokat mir-rikorrent. L-Artikolu 14 u l-artikolu 45 japplika biss fil-konfront ta' diskriminazzjoni bejn persuni abbażi ta' certu kwalitajiet bhal ma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta', twelid jew status iehor. Imkien ma jigi allegat li r-rikorrent qed jigi trattat b'mod diskriminatorju ai termini ta' Artikolu 14 u l-Artikolu 45 minhabba li gie trattat b'mod differenti ghal kollox jew principalment minhabba d-deskrizzjoni taghhom skont il-kwalitajiet hekk imsemmija f'dawk id-dispożizzjonijiet legali. Minghajr pregudizzju, r-rikorrent ma

giex ittrattat b'mod diskriminatorju jew b'mod differenti mill-impjegati l-ohra tal-MIA iżda gie ttrattat bl-istess mod li kienu jigu trattati l-impjegati kollha tal-MIA.

*L-ebda ksur tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u/jew -Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea*

7. Ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif allegat mir-rikorrent.

8. Ir-rikorrent jilmenta li l-procedura tad-dixxiplina li bdiet skont il-*collective agreement* tilledi d-dritt ta' smiegh xieraq il-ghaliex:

"*il-collective agreement li kien sar bejn il-GWU u l-UHM kien fis-sens li meta jigi mahtur il-Bord ikun hemm Chariman maghżul minn pool li fl-ahhar mill-ahhar kien ta' tnejn minn nies u rappreżentant tal-kumpanija [sic] u rappreżentant tal-union. Fejn l-impjegat ma kienx membru ta' dawk il-unions allura huwa ma setax jahtar rappreżentant tieghu fuq il-bord tad-dixxiplina imma jaghzlu wiehed ghalih. F'dan il-kas partikolari ntghazel Charles Magro li bl-ebda mod ma kien tal-ghazla ta' Frederick Attard ghax lanqas biss kien jafu.*

*Illi f'din is-sitwazzjoni l-esponenti gie eskluż mid-drittijiet ta' fair hearing f'kas ta' dixxiplina u dan minhabba li t-tribunal gie kompost minn haddiehor b'diskriminazzjoni kontra tieghu skont l-Artikolu 14 ghaliex kieku kien f'wahda minn dak il-unions kien ikollu rappreżentant tieghu.*"

9. Ir-rikorrent jilmenta ghalhekk dwar il-mod kif intaghżel Charles Magro bhala fuq il-Bord ta' dixxiplina u dan ghaliex ma kellhux dritt ta' ghażla ta' membru fuq il-Bord u ma kienx jafu.

10. Qabel xejn f'dan il-każ, hawnhekk si tratta ta' proceduri ta' dixxiplina interni ta' kumpannija u mhux ta' proceduri legali normali quddiem tribunal jew qorti. Dawn ma jistghux jitqabblu ma xulxin. Referenza issir ghad-digriet li nghata mil-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawża *Avukat Reno Borg v Joseph N. Tabone et noe* kif ukoll tad-digriet tal-istess qorti, fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet *Frederick Attard v Malta International Airport*. F'ta l-ahhar, l-Onorabbli Qorti Prim' Awla qalet is-segwenti:

"*Tqis li huwa stabilit ukoll li procedimenti dixxiplinari dwar impjegati huma setgha u prerogattiva ta' min ihaddem u huwa mistenni wkoll li l-imsemmija proceduri ma jitqabblux ma' dawk ta' tribunal jew qorti. Inghad li, fejn min ihaddem ikun intrabat "li jsegwi certa procedura.. hu ghalhekk li r-rikorrent jista' jivvanta xi lment jekk isostni li dak li gie konkordat bejn il-union li tirrappreżentah u l-employer fil-Collective Agreement u li jaghtih certi drittijiet, ma jkunx qed jigi skrupolożament osservat" u li rikorrent ma ghandux f'dan l-istadju bi dritt, il-jedd li jezigi le jigi investigat minn Tribunal imparzjali indipendenti, in kwantu dan jista' jeżigih bi dritt biss quddiem Tribunal Industrijali*".

11. Addizjonalment, anke jekk id-dritt ta smigh xieraq kellu japplika ghall-proceduri dixipplinari in kwistjoni, MIA tirrispondi li l-mod kif jinhatar il-Bord tad-Dixxipplina u l-Bord tal-Appell huwa regolat skont l-Artikolu 5 tal-*Procedure for the Administration of Discipline*' anness mal-Ftehim Kolletiv. Dan jipprovdi li:

*5.1 The Disciplinary Board, designated to hear disciplinary cases in relation to serious offences, shall be composed of three persons; the Company and the Union shall each appoint a member of their choice and*

*the Company shall also appoint a person to act as Chairman of the Disciplinary Board.*

*5.1.1 The Chairman shall be chosen from among a pool of persons, deemed to be fit to chair the Disciplinary Board, which persons shall be agreed to from beforehand, between the Company and the Union.*

*5.2 The Appeals Board shall be composed of one person, which shall be selected by the company out of a pool of people deemed to be fit to Chair the Appeals Board. The people who may be chosen by the Company to chair the appeals Board shall be agreed to from beforehand, between the Company and the Union.*

12. Ghalhekk il-kumpannija taghżel ic-Chairman skont din il-procedura. Il-lista ta' persuni li jistghu jinhatru bhala Chairman tal-Bord tad-Dixxiplina kif ukoll il-Bord tal-Appelli huwa maqbul bil-quddiem bejn il-unions u l-MIA. Din in-nomina ta' nies li jistghu jagixxu bhala Chairman issir qabel ma jibdew proceduri dixxiplinarji partikolari u dan fl-interess tal-impjegati kollha. L-impjegat li qed jiffaccja proceduri tad-dixiplina m'ghandu l-ebda dritt li jaghżel hu min ghandu jkun Chairman tal-Bord tal-Dixxiplina jew tal-Appelli. F'din il-lista' tpoggew persuni li kemm -MIA kif ukoll il-Unions hasbu li kienu kompetenti biex jisimghu kwistjonijiet dixxiplinari.

13. Finalment, u minghajr pregudizzju, r-rikorrent lanqas ma jispjega kif l-fatt li hu ma setghax jaghżel membru fuq il-Bord ta' Dixxiplina wassal ghal skur ta' smigh xieraq. Lanqas jilmenta dwar kif l-istess bordijiet kienu żbaljati jew b'xi mod imparzjali fid-decizjonijiet taghhom. Fil-verita' - anke jekk kellu japplika l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-proceduri dixxiplinari in kwistjoni qatt ma lledew id-

dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrent. Referenza hawn issir ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, fejn qalet illi:

*"The Court's task is to ascertain whether the proceedings in their entirety were fair within the meaning of Article 6 para l (art.6-l). It reiterates in this connection that the requirement of "equality of arms", in the sense of a "fair balance" between the parties, applies also to litigation in which private interests are opposed; in such instances "equality of arms" implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case - including his evidence - under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-a-vis his opponent."*

Frederick Attard, inghata kull opportunita sabiex jippreżenta l-każ tieghu u li jressaq kwalunkwe prova u argument li xtaq quddiem l-istess bord. Ir-rikorrent ressaq diversi xhieda u esperti u ppreżenta anki dokumenti vasti f'numru ta' seduti. Il-mertu tal-kwistjoni u l-provi li ngiebu kienu kkunsidrati fid-dettal u ghalhekk ma jista' qatt jintqal li kien hemm xi leżjoni ta' dritt ta' smigh xieraq bil-mod li agixxa ruhu l-Bord waqt il-proceduri. Fil-fatt, fid-decide tal-Qorti tal-Appell fil-kawza Frederick Attard v Malta International Airport p.l.c et il-Qorti sabet li l-proceduri mill-Bord tad-Dixxiplina u l-Bord tal-Appelli tmexxew b'mod tajjeb u li l-allegazzjonijiet ta' imparzjalita' u nuqqas ta' indipendenza min-naha tar-rikorrent kellhom jigu respinti fit-totalita' taghhom.

Ghaldaqstant, u in vista tar-ragunijiet suesposti, is-socjeta esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.'

Rat illi l-ewwel eccezzjoni mqajjma mid-Direttur intimat dwar in-nomenklatura tieghu giet sorvolata fil-verbal tal-14 ta' Lulju, 2021 billi l-Qorti awtorizzat korrezzjoni sabiex flok il-kliem 'Direttur tax-Xoghol' l-intimat gie ndikat bahal 'Direttur Generali ghall-Impjiegi u Relazzonijiet Industrijali.' Rat li konsegwentement din l-eccezzjoni giet irtirata.

Rat l-atti kollha tal-kawza annessa bin-numru 422/12 u d-decizjonijiet kemm tal-Ewwel Qorti u dik tal-Qorti tal-Appell.

Rat li fil-verbal tal-25 ta' Awwissu 2022 l-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l–partijiet jaghmlu sottomissjonijiet bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet tal-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-kaz odjern, ir-rikorrent bhala impjegat tal-Maltia International Airport Plc intimat, konsegwenti ghal procedure dixxiplinari li ttiehdu fil-konfront tieghu fit-termini tal-Ftehim Kollettiv Vigenti fuq il-post tax-xoghol, jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-proceduri accettati mid-Direttur tax-Xoghol fil-Ftehim Kollettiv li jhalli biss lill-Unions jinnominaw rappresentanti anke ghal dawk li mhux membri taghhom fil-proceduri dixxiplinari, kif ukoll b'allegat nuqqas ta' trasparenza fil-hatra tac-Chairman tal-Bord ta' Dixxiplina jikkonsistu f'lesjoni

tad-drittijiet fundamentali tal-rikorrent fit-termini tal-artikolu 42 (liberta' tal-assocjazzjoni) u l-artikolu 45 (diskriminazzjoni minhabba appartenenza) fi hdan il-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittjiet Fundamentali tal-Bniedem kif marbut ukoll mal-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni. Konsegwenza ta' hekk jitlob li din il-Qorti tiddikjara l-proceduri dixxiplinari mehuda fil-konfront tieghu bhala nulli u bla effett.

Ulterjorment permezz tat-tieni talba tieghu r-rikorrent jitlob li din il-Qorti tiddikjara li r-rikorrent ma kellux smiegh xieraq fl-imsemmija proceduri dixxiplinari u dan stante li jallega li kienu lesivi tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Jitlob ghalhekk ukoll li in vista ta' dan il-Qorti tiddikjara dawn il-proceduri dixxiplinari bhala nulli u bla effett.

Finalment ir-rikorrent fit-tielet talba tieghu talab li din il-Qorti taghti rimedju effettiv u tikkundanna lill-intimati ghad-danni morali sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tal-allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali tieghu.

Illi d-Direttur Generali ghall-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali intimat jeccepixxi li bil-ligi huwa meqjus biss merament bhala depozitarju ta' ftehim kollettivi u mhux bhala dak li jezamina l-ftehim u japprova l-istess ghalhekk ma jistax jinstab meqjus reponsabbli ghall-kontenut tal-istess. Fil-mertu jichad il-pretensjonijiet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, isostni li huwa ma ghandu l-ebda dettalji dwar il-mertu tal-kaz dixxiplinari fil-konfront tar-rikorrent u jinsisti li legalment Ftehim Kollettiv ghandu sahha ta' ligi bejn il-partijiet w'ghalhekk kemm min ihaddem kif ukoll l-impjegati huma marbutin bl-istess.

Is-socjeta intimata Malta International Airpost plc da parti taghha teccepixxi li mihiex il-legittimu kontradittur stante li huwa biss l-Istat li jista′ jirrispondi ghal allegat ksur ta′ drittijiet fundamentali. Fir-rigward tal-allegat ksur ta′ jedd ghal smiegh xieraq teccepixxi r-*res judicata* dwar dan l-ilment in vista tal-proceduri u d-decizjonijiet moghtija fl-atti tal-kawza bin-numru 433/12 fl-isemijiet Frederick Attard vs. Malta International Airport et, atti annessi. Fil-mertu ssostni li ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea stante li Ftehim Kollettiv jorbot ukoll impjegati li mhux membri tal-union rikonoxxuta u li hija biss il-union rikonoxxuta li tista′ tiddiskuti legalment Ftehim Kollettiv ma′ min ihaddem. Issostni izda li dan bl-ebda mod ma jwaqqaf lir-rikorrent mil-liberta′ tieghu ghall-assocjazzjoni ma′ union ohra. Izzid li ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 14 dwar id-diskriminazzjoni stante li dak allegat ma jaqa′ taht l-ebda kategorija ndikata fl-istess artikolu. Teccepixxi wkoll li fil-mertu ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif allegat mir-rikorrent ghar-raguni li fi stadju ta′ proceduri dixxiplinari l-impjegat ma ghandux il-jedd li jezigi li jigi investigat minn Tribunal imparzjali indipendenti, u li dan il-jedd biss jidhol fi stadju ta′ proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali. Izzid li anki fl-istadju tal-proceduri dixxiplinari xorta ma jistax jitqies li hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq ghaliex il-lista ta′ persuni li jistghu jinhatru bhala Chairman tal-Bord tad-Dixxiplina kif ukoll il-Bord tal-Appelli huwa maqbul bil-quddiem bejn il-unions u l-MIA l-persuni jigu maqghzula qabel ma jibdew proceduri dixxiplinarji partikolari fl-interess tal-impjegati kollha. L-ebda impjegat u mhux biss ir-rikorrent li jkun qed jiffaccja proceduri tad-dixxiplina m'ghandu dritt li jaghżel hu min ghandu jkun Chairman tal-Bord tal-Dixxiplina jew tal-Appelli. Izzid li fil-lista'

tpoggew persuni li kemm l-MIA kif ukoll il-Unions iqisu li huma kompetenti biex jisimghu kwistjonijiet dixxiplinari. Finalment teccepixxi illi r-rikorrent ma jispjegax kif il-fatt li hu ma setghax jaghżel membru fuq il-Bord ta' Dixxiplina allegatament wassal ghal ksur tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq u wkoll ma jilmentax dwar kif il-bordijiet fid-decizjonijiet tieghu fil-konfront tieghu kienu żbaljati jew b'xi mod imparzjali.

**Provi:**

Rat l-atti kollha kif ukoll id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-atti annessi tal-kawza 433/12 SM fl-ismijiet Frederick Attard v. Malta International Airport p.l.c. (C – 12663) u Anthony Degiovanni, Alfred Mallia Milanes, Charles Magro u Franco Masini ghal kull interess li jista' jkollhom datata 17 ta' Marzu, 2021 liema decizjoni in vista tar-risposta tal-intimati fl-atti odjerni fejn issir bosta referenza ghaliha qed tigi riportata f'din id-decizjoni kif isegwi:

1. Dan huwa appell imressaq mill-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru, 2015 (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata"), fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi marbuta ma' proċeduri dixxiplinari meħuda kontrih mill-kumpanija intimata u t-tħassir ta' dawk il-proċeduri u l-għoti lilu ta' kumpens għad-danni mġarrba;

2. Fl-att li bih fetaħ il-kawża, l-attur jgħid li l-intimata Malta International Airport (minn issa 'l hemm imsejħa "MIA") naqset fil-konfront tiegħu bi ksur tal-ftehim kollettiv meta naqset li tiżgura li fit-twaqqif tal-Bord ta' Dixxiplina (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Bord") kif ukoll fl-imġiba tiegħu waqt smigħ ta' proċeduri dixxiplinarji mnedija kontrih, jitħarsu l-prinċipji ta' ġustizzja naturali dwar l-imparzjalità u smigħ xieraq. Qal li dan kien joħroġ mill-mod tal-ħatra tal-membri tal-Bord li alternaw ukoll bħala membri fuq Bord ta' l-Appelli li sema' proċeduri dixxiplinarji oħra meħuda kontrih qabel. Żied jgħid li fost l-istess membri hemm min saħansitra għadda rimarki xejn kumplimentużi fuqu. Dawn iċ-ċirkostanzi kienu jirrenduhom bħala persuni

mhux imparzjali. Tenna li fost l-istess membri hemm min jagħti servizz ta' xort'oħra lill-MIA u dan ukoll jagħmlu mhux imparzjali. Qal li hu ma kienx membru ta' ebda miż-żewġ *trade unions* li jirrappreżentaw lill-kategoriji tal-impjegati fuq il-Bord, u minkejja dan ma ngħatax il-jedd li jiġi rappreżentat minn membru ta' *trade union* tal-fiduċja tiegħu u li huwa msieħeb fiha. Żied jgħid li, waqt is-smigħ tal-każ dixxiplinari tiegħu, il-Bord naqas li jaħtar espert biex jassistih fil-materja li kien qed jiġġudika fuqha, u dan minkejja li l-istess membri ma kellhomx għarfien f'din il-materja. Tenna li, minkejja li huwa lmenta minn dan l-aġir, kemm il-Bord u kif ukoll il-Bord tal-Appelli ma laqgħux l-ilmenti tiegħu. Fid-dawl ta' dan talab lill-ewwel Qorti ssib li l-proċeduri u t-twaqqif tal-Bord li ntalab jidher quddiemhom kienu saru bi ksur tal-ftehim kollettiv u li d-deċiżjonijiet li ħadu jitqiesu bla siwi u jitħassru. Talab ukoll il-ħlas ta' kumpens għad-danni li ġarrab;

3. Illi fit-Tweġiba Maħlufa, l-MIA laqgħet billi tgħid li ma kien hemm ebda ksur tal-obbligi kuntrattwali min-naħa tagħha mal-attur kemm proċeduralment għaliex hija mxiet mal-proċedura maqbula fil-ftehim kollettiv, kif ukoll fis-sustanza billi ma hemm ebda element ta' nuqqas ta' imparzjalità jew indipendenza fiċ-*Chairman* tal-Bord. Tgħid li ma għandha ebda obbligu jew rabta dwar il-mod tal-ħatra tal-membri jew *Chairman* tal-Bord. Ittenni li x-xiljiet attriċi huma bbażati fuq konsiderazzjonijiet li ma humiex relevanti jew li huma fattwalment mhux korretti. Tiċħad li kkawżat danni billi ma kisret ebda obbligu u lanqas ġabet ruħha b'mod negliġenti;

4. L-intimati l-oħrajn laqgħu billi qalu li m'humiex il-leġittimi kontradditturi billi l-azzjoni kontra l-attur ittieħdet mill-MIA. Jgħidu wkoll li m'għandhom ebda relazzjoni mal-attur għaldaqstant kellhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju. Fil-mertu ċaħdu x-xiljiet tal-attur u qalu li t-talbiet tiegħu ma messhomx jintlaqgħu għax mhux mistħoqqa;

5. Illi biex waslet għad-deċiżjoni tagħha, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

"*Ikkunsidrat:*

*"11. Illi fl-essenzjalità taghha l-procedura odjerna qed tigi utilizzata biex tistieden lill-qorti tasal ghall-konkluzjoni li fl-operat taghha, s-socjetà intimata kisret il-ftehim kollettiv u l-klawsoli rigwardanti l-procedura dixxiplinari naxxenti mill-istess ftehim;*

*"12. Illi konsegwenza ta' tali dikjarazzjoni allura jkollhom jithassru d-decizjonijiet già mehuda mill-Bord tad-Dixxiplina u tal-Bord ta' l-Appell in kwistjoni;*

*"13. Illi stabbilit dan, ir-rikorrenti jitlob finalment li jigi risarcit lilhu d-danni minnhu allegatament subiti minhabba l-istess;*

*"Ikkunsidrat:*

*"14.0. Illi rigward il-kostituzzjoni tal-Bord ta' Dixxiplina u tal-Bord ta' l-Appell in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:*

*"14.1. Illi dan hu determinat mill-paragrafu 5 ta' dokument intitolat Procedure for the Administration of Discipline, (ara foll 62), li hu naxxenti mill-ftehim kollettiv datat l-13 ta' Gunju, 2013, (ara foll 11);*

*"14.2. Illi dan jistipula sintetikament is-segwenti:*

*"14.2.1. Illi l-Bord hu responsabbli li jismà kazi ta' dixxiplina ta' certu gravità;*

*"14.2.2. Illi hu kompost minn tlett (3) persuni;*

*"14.2.3. Illi l-hatra ta' l-istess hi stabbilita li tkun bil-mod segwenti:*

*"14.2.3.i. Illi l-membri huma mahtura mis-socjetà intimata u mill-union;*

*"14.2.3.ii. Illi s-socjetà intimata tahtar ukoll lic-Chairman tal-Bord tad-Dixxiplina;*

*"14.2.4. Illi c-Chairman ikun mahtur minn numru ta' persuni appozitament maghzula minn qabel bi ftehim bejn is-socjetà intimata u l-Union;*

*"14.2.5. Illi l-komposizzjoni tal-Bord ta' l-Appell hi wkoll regolata bl-istess regolamenti u:*

*"14.2.5.i. Tikkonsisti f'persuna wahda;*

*"14.2.5.ii. Illi f'kull kaz tigi maghzula mis-socjetà intimata minn fost numru li jkun già mahsub li huma kapaci jassumu tali responsabbilità;*

*"14.2.5.iii. Illi l-persuna maghzula tkun già miftehma minn qabel bejn is-socjetà intimata u l-union;*

*"Ikkunsidrat:*

*"15. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti jilmenta mill-fatt li l-ghazla tac-Chairman maghzul hi ristretta stante li in-numru li hemm hekk appuntati huma biss tnejn (2) u konsegwentement meta wiehed minnhom ikun mahtur mis-socjetà intimata bhala*

*Chairman fl-ewwel Bord, l-iehor ikollu per konsegwenza bilfors jigi mahtur Chairman fil-Bord ta' l-Appell;*

*"16. Illi f'dan ir-rigward ghandu jinghad li l-ghazla tal-persuni hekk maghzula biex jespletaw dawn il-karigi pjuttost sensittivi hu riflessjoni pedissewka tal-ftehim kollettiv milhuq bejn il-protagonisti hemm involuti u tad-dokument specifikament redatt biex jistabilixxi bi precizjoni dik il-procedura li l-istess protagonisti ikkoncertaw flimkien biex imexxu l-mizuri dixxiplinari tant importanti ghat-tmexxija tajba u retta ta' kwalunkwe azjenda;*

*"17. Illi l-Bord ta' Dixxiplina ghandu jkun kompost minn tlett (3) persuni, wiehed nominat mis-socjetà intimata, iehor mill-Union, bl-istess socjetà intimata tinnomina wkoll lic-Chairman tal-istess Bord, (ara paragrafu numru 5.1. a foll 62);*

*"18. Illi l-Bord ta' l-Appell hu kompost minn persuna wahda nominat mis-socjetà intimata minn fost numru ta' persuni meqjusa idonei ghal din il-kariga u a prioristikament maqbula u accettati ghal din il-kariga kemm mis-socjetà intimata, kif ukoll mill-Union, (ara paragrafu 5.2. a foll 62);*

*"19. Illi f'dan ir-rigward l-istess protagonisti jaqblu li fl-operat taghhom kemm il-Bord ta' Dixxiplina kif ukoll il-Bord ta' l-Appell hekk minnhom stabbiliti fid-dokument li jirregola l-proceduri dixxiplinari anness mal-ftehim kollettiv, ghandhom jespletaw l-inkarigi taghhom b'mod li jkunu konformi mal-principji tal-gustizzja naturali, (ara paragrafu 5.3. a foll 62);*

*"Ikkunsidrat:*

*"20.0. Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-komposizzjoni taz-zewg (2) Bordijiet in dizamina r-rikorrenti jidher li qed jilmenta minn zewg (2) kwistjonijiet, senjatament:*

*"20.1. Illi membru minn dawk maghzula fil-Bord ta' Dixxiplina inzerta wkoll kunsulent ta' l-istess socjetà intimata;*

*"20.2. Illi l-ghazla tal-Bord ta' l-Appell hi ristretta ghal zewg (2) persuni li jalternaw skont il-kaz;*

*"Ikkunsidrat:*

*"21. Illi fir-rigward ta' l-ewwel lanjanza indikata fil-paragrafu precedenti din il-kwalifika ta' kunsulent tas-socjetà intimata ma tirrizultax li tiskwalifika lill-inkombenti milli jkun nominat biex jaghti s-servizz tieghu fir-rigward;*

*"22. Illi wisq anqas ma tiskwalifika lis-socjetà intimata milli tinnomina u tappunta lill-persuni li jidhrilha xierqa u idonei ghal din il-kariga;*

*"23.0. Illi dan qieghed jinghad bi kjarezza stante:*

*"23.1. Illi s-socjetà intimata ma tirrizultax li giet ristretta f'dan l-ambitu ta' l-operat taghha mill-ftehim kollettiv jew mid-dokument li jistabilixxi l-procedura ta' dixxiplina de quo;*

*"23.2. Illi f'dan ir-rigward l-istess dokument li jistabbilixxi l-procedura ta' dixxiplina fil-fatt jaghmilha cara li f'dan ir-rigward huma l-membri tal-Bord ta' Dixxiplina u tal-Bord ta' l-Appell li ghandhom l-obbligu li jharsu l-principji ta' gustizzja naturali – u hadd aktar – lanqas is-socjetà intimata;*

*"24.0. Illi f'dan ir-rigward ghandu jkun pacifiku li kull ftehim kollettiv hu ekwivalenti ghall-kuntratt normali li ghalih ukoll japplikaw ir-regoli civili dwar l-effetti taghhom, fosthom:*

*"24.1. Illi kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom is-sahha tal-ligi ghal dawk li ghamluhom, (ara artiklu 992(i) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*"24.2. Illi l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwità, bl-uzu jew bil-ligi, (ara artiklu 993 ta' l-istess Kap indikat fil-paragrafu precedenti);*

*"25. Illi ghalhekk ghandu jigi sottolineat li a bazi ta' l-istess ftehim kollettiv in dizamina huma l-Bord ta' Dixxiplina u l-Bord ta' l-Appell li huma statutorjament marbuta biex iharsu l-principji tal-gustizzja naturali;*

*"26. Illi kif qalet din l-istess qorti fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni fl-istess ismijiet tal-kawza odjerna, Rikors Numru 587/12 datat il-21 ta' Mejju, 2012: (ara foll 204)*

*"... ir-rabta fil-ftehim kollettiv dwar il-harsien tal-principji tal-gustizzja naturali torbot lill-persuni mahtura fil-Bord ta' Dixxiplina u fil-Bord ta' l-Appell, u mhux lil MIA fl-ghazliet taghha tal-hatra tal-persuni, sakemm dawk il-persuni jkunu ta' hila biex iwettqu l-hatra taghhom. Minn hemm 'il quddiem il-kwistjoni tithalla f'idejn il-bordijiet mahtura u l-MIA ma tindahalx, hlief biex tressaq il-kaz taghha, bhalma jkollu jedd jaghmel kull impjegat mixli", (ara foll 210 u 211);*

*"27. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li fid-determinazzjoni tal-persuni li jintghazlu biex ikunu membri jew Chairmen tal-Bordijiet de quo, is-socjetà intimata nghatat l-akbar latitudini possibbli biex hi, u hi biss, taghzel persuni li hi tqis idonei ghal tali karigi;*

*"28. Illi dan id-dritt jirrizulta kjarament pattwit fil-ftehim kollettiv, u allura l-ghazliet tas-socjetà intimata maghmula fuq tali bazi, huma ghazliet legittimi;*

*"Ikkunsidrat:*

*"29. Illi rigward iz-zewg (2) Chairmen nominati biex jiddeterminaw decizjonijiet fil-livell t'appell minn decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina, jinghad sintetikament is-segwenti:*

*"29.1. Illi hu minnhu li fil-fazi partikolari ta' meta bdew il-proceduri in dizamina jirrizulta li kien hemm biss zewg (2) persuni nominati biex jokkupaw din il-kariga;*

*"29.2. Illi konsegwentement jirrizulta assodat li bhala effett dirett ta' l-istess dawn iz-zewg (2) Chairmen spiccaw jalternaw lil xulxin;*

*"30. Illi r-rikorrenti jilmenta minn dan il-fatt u jimplika li minhabba f'hekk dawn iz-zewg (2) protagonisti involuti jippruvaw jiddefendu d-decizjonijiet ta' xulxin b'detriment ghall-ahjar amministrazjoni tal-principji tal-gustizzja naturali li huma obbligati li jppromwovu;*

*"Ikkunsidrat:*

*"31. Illi f'dan ir-rigward, ghalkemm ir-rikorrenti jipprezenta din l-allegazzjoni serja fil-konfront ta' l-istess protagonisti, jonqos milli jipprezenta provi fir-rigward;*

*"32. Illi però a contrario sensu jirrizulta assodat li tul din is-saga kollha li issa ilha sejra s-snin, ir-rikorrenti qatt ma intavola l-ebda ilment f'dan ir-rigward u hu biss issa meta din is-saga qed tersaq ghat-tmiem logiku taghha, li qed tigi indirizzata din il-lanjanza;*

*"33. Illi nonostante ciò l-ebda prova ta' manipulazzjoni ma ngiebet fir-rigward u konsegwentement il-lanjanza de quo qed tittiehed ta' li hi – tentattiv meskin ta' assassinju karatterjali intiz biex jiggwadanja b'mod illegittimu dak li ma jappartjenix lir-rikorrenti;*

*"Ikkunsidrat:*

*"34.0. Illi fir-rigward tal-fatt li l-Bordijiet de quo huma obbligati jimxu skont il-principji ta' gustizzja naturali ghandu jinghad is-egwenti:*

*"34.1. Illi effettivament dan il-principju filosofiku jittraduci ruhhu fi principju effettivament utilitarju li permezz tieghu tigi garanatita procedura amministrattiva gusta;*

*"34.2. Illi tali principjji ghalhekk jikkontrollaw, mhux id-decizjoni finali li eventwalment tittiehed, izda l-istess procedura li permezz taghha eventwalment tittiehed id-decizjoni in dizamina;*

*"34.3. Illi ghalhekk il-procedura in dizamina hi aktar kwistjoni ta' teknika biex wiehed jasal ghal decizjoni finali milli kwistjoni ta' ezercizzju decizjonali finali ut sic;*

*"34.4. Illi ghalhekk li qieghed jigi effettivament indirizzat f'dan l-ambitu huma l-elementi veri tal-process xieraq u kif dan gie sussegwentement sancit u approfondit kemm fil-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem li hi wkoll bi dritt, parti mill-ligi lokali;*

*"34.5. Illi dan l-aspett ta' gustizzja procedurali hu essenzjali biex jigu stabbiliti d-drittijiet sostantivi ta' lanjant li javvicina lill-qrati f'dan ir-rigward;*

*"34.6. Illi però, ghalkemm giet intavolata din il-lanjanza serja, r-rikorrenti jonqos li jgib provi fir-rigward u l-eqreb li jasal f'dan id-dawl hu meta jinsinwa li ghaliex membru tal-Bord ta' Dixxiplina kien qallu li r-rikorrenti hu kollu inkwiet, allura dan kien pregudikat kontra tieghu;*

*"34.7. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:*

*"34.7.1. Illi f'dak il-mument l-awtur ikkoncernat ma jirrizultax li kien qieghed jaqdi l-funzjonijiet tieghu ta' membru jew Chairman ta' xi wiehed mill-Bordijiet de quo, (ara foll 264);*

*"34.7.2. Illi dan il-kliem intqal f'ambitu ta' procedura partikolari mill-hafna li kien hemm li jikkonċernaw lir-rikorrenti u kienet partikolarment fl-ambitu ta' procedura deciza f'Ottubru, 2006;*

*"34.7.3. Illi l-istess kliem jesprimi biss attitudini esasperata rigwardanti persuna li l-attitudini taghha fi hdan is-socjetà de quo tirrizulta verament inpenjattiva;*

*"34.7.4. Illi l-istess ma jirrifletti l-ebda negattività fir-rigward tar-rikorrenti;*

*"34.7.5. Illi di fatti tul in-numru konsiderevoli ta' proceduri li r-rikorrenti kellu f'dan il-kamp u li fihom kien ikun rinfaccat mill-istess protagonista in dizamina, r-rikorrenti qatt ma ssottometta xi ilment fir-rigward;*

*"Ikkunsidrat:*

*"35. Illi rigward ic-Chairmen nominati fil-Bord ta' l-Appell jinghad biss li r-rikorrenti ma jilmentax mill-operat taghhom izda biss mill-fatt li ghaliex huma tnejn (2) biss, allura jispiccaw jiddeciedu fuq decizjonijiet ta' xulxin;*

*"36. Illi f'dan ir-rigward gie spjegat li dan il-ftehim kollettiv kien ghadu fl-istadji bikrin tieghu u l-partijiet kien ghandhom qed jesploraw l-inkluzjoni ta' persuni idonei ohra;*

*"37. Illi l-operat ta' l-istess Chairmen ma giex attakkat mir-rikorrenti u ghalhekk, il-lanjanza in dizamina qed tittiehed biss bhala tentattiv fjakk t'insinwazzjoni irrilevanti u lanqas biss tressqu provi fir-rigward;*

*"Ikkunsidrat:*

*"38.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti naqas li jipprova t-talbiet tieghu skont il-ligi…";*

6. Illi l-attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") ħassu aggravat bis-sentenza appellata u b'Rikors tal-Appell imressaq minnu fil-11 ta' Diċembru, 2015, u għar-raġunijiet hemm imfissrin, talab li din il-Qorti tħassarha u tirrevokaha u minflok tilqa' l-appell billi tilqa' t-talbiet attriċi msemmija fir-Rikors Ġuramentat tiegħu kontra l-appellati, jew min minnhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

7. Bi Tweġiba mressqa fil-5 ta' Jannar, 2016, l-MIA laqgħet għal dak l-appell u għar-raġunijiet hemm imsemmija, qalet li s-sentenza appellata kienet tajba u jistħoqqilha tkun konfermata u ressqet sottomissjonijiet dwar kull aggravju u qalet għaliex m'għandhomx jintlaqgħu;

8. Illi permezz ta' Tweġibiet imressqin fit-22 ta' Diċembru, 2015, u fit-13 ta' Jannar, 2016, rispettivament, l-appellati l-oħrajn laqgħu għall-appell billi qalu li l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata tiġi konfermata fl-interità tagħha;

9. Rat l-atti kollha tal-kawża;

10. Semgħet it-trattazzjoni mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tad-19 ta' Jannar, 2021, f'liema data ħalliet l-appell għallum għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

11. Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju marbut mat-twaqqif tal-Bord fi proċeduri ta' dixxiplina mnedija kontra l-appellant mill-kumpanija li jaħdem magħha u dwar il-mod kif tmexxew l-istess proċeduri. L-appellant jilmenta mill-aġir tal-MIA meta naqset li tassigura fil-konfront tiegħu smigħ xieraq waqt proċeduri ta' dixxiplina li ressqet kontrih. Jgħid li l-membri fuq

il-Bord u fuq il-Bord tal-Appelli ma kinux imparzjali u indipendenti kif kien mistenni minnhom li jkunu. Itenni li hu mhux membru ta' ebda waħda miż-żewġ *trade unions* magħrufa li jirrappreżentaw lill-impjegati fuq il-Bord, u minkejja dan ma ngħatax il-jedd li jiġi rappreżentat minn membru ta' *trade union* li huwa msieħeb fiha. Jgħid li, waqt is-smigħ tal-każ tiegħu u minn wara dahru, saru diskussjonijiet bejn il-Bord u l-MIA dwar il-ħatra ta' espert tekniku u ttieħdet id-deċiżjoni li l-Bord jimxi mingħajr tali assistenza, minkejja li l-membri ma kellhomx għarfien fil-materja li kienet qiegħda tiġi diskussa. Jitlob li jiġu mħassra d-deċiżjonijiet li ngħataw dwaru mill-Bord u l-Bord tal-Appelli, u li jingħata kumpens għad-danni li ġarrab. L-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi;

12. Illi l-appellant ressaq **żewġ aggravji** mis-sentenza appellata: l-ewwel, li l-ewwel Qorti ma qisetx kif imiss l-ilmenti tiegħu u naqset milli tagħraf sewwa x'kienu dawk l-ilmenti; it-tieni, li l-ewwel Qorti ma kinitx fis-sewwa meta qieset li l-MIA ma kellhiex obbligu li tħares il-prinċipji tal-ġustizzja naturali fit-twaqqif tal-Bord u dak tal-Bord tal-Appelli;

13. Illi dwar **l-ewwel aggravju**, l-appellant jgħid li l-ewwel Qorti qatt ma setgħet tilqa' l-eċċezzjoni mressqa mill-membri tal-Bord, dik li m'humiex il-leġittimi kontraditturi, meta l-Bord kiser il-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Jgħid li l-Bord uża d-diskrezzjoni mogħtija lilu bir-regolamenti tal-proċedura b'mod ħażin billi ddiskuta l-ħatra ta' espert tekniku fl-informatika ma' naħa waħda biss waqt proċeduri li kienu għaddejja kontrih, jiġifieri mal-MIA, u ttieħdet deċiżjoni dwar dan minn wara dahru. Itenni li l-ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali jirriżultaw ukoll mill-fatt li l-membri tal-Bord kienu ġġudikawh fi proċeduri dixxiplinari oħra u fosthom hemm min saħansitra għadda rimarki mhux kumplimentużi dwaru, b'mod li ma baqgħux aktar imparzjali biex jgħaddu ġudizzju dwaru f'dawn il-proċeduri dixxiplinari mertu tal-każ. Żied jgħid li, fost il-membri tal-Bord hemm min jagħti servizz ta' konsulenza lill-MIA u kien attiv fit-tfassil tal-Ftehim Kollettiv: jisħaq li dan ukoll jirrendi lil tali persuni mhux indipendenti;

14. Illi għal dan l-aggravju, il-membri appellati jilqgħu billi jgħidu li din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-ewwel Qorti, jekk kemm-il darba dan ma jkunx tassew eżerċizzju mhux raġonevoli jew mhux sorrett mill-provi li jinsabu fl-atti. F'kull każ, jgħidu li l-fatti jixhdu li huma lkoll imxew b'mod imparzjali u l-MIA ma influwenzathom bl-ebda mod fil-ġudizzju tagħhom fil-każ tal-appellant. Lil hinn minn hekk, jibqgħu jisħqu li huma ma jaħtu xejn għal dak stabbilit fil-ftehim kollettiv, u ma jistgħux għalhekk iwieġbu għal dan l-aggravju u, f'dan ir-rigward, itennu li m'humiex il-kontraditturi leġittimi tal-pretensjonijiet attriċi;

15. Illi l-MIA tilqa' billi tgħid li l-appellant m'għandu ebda dritt li jeżiġi li bord ta' dixxiplina fuq il-post tax-xogħol jitqabbel mal-prinċipji ta' indipendenza u imparzjalità li jgħoddu għall-qrati jew tribunali mwaqqfa b'liġi. Tgħid li l-appellant naqas li jressaq il-prova meħtieġa biex isaħħaħ l-argument tiegħu li l-membri ma kinux imparzjali jew indipendenti. Ittenni li l-ħatra tal-membri hija skont il-ftehim li ntlaħaq bejn l-MIA u l-*unions*, liema ftehim għandu wkoll is-saħħa ta' liġi. Tgħid li l-fatt li l-għażla ta' *chairman* taqa' fuq żewġ persuni biss ma twassalx għall-konklużjoni awtomatika li hemm xi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Bl-istess mod, il-fatt li l-membri jitħallsu mill-MIA, ma jsarrafx b'daqshekk f'nuqqas ta' indipendenza, għaliex il-persuni maħtura biex joqogħdu fuq il-Bord u wkoll dawk li joqogħdu fuq il-Bord tal-Appelli nħatru fuq is-saħħa tal-ħila tagħhom, l-esperjenza u l-integrità magħrufa tagħhom u kellhom ikunu dawn il-kwalitajiet li kellhom jixhdu li l-mod kif mexxew il-proċedura kienet tħares il-jeddijiet tal-appellant ukoll. Għar-rigward tax-xilja mressqa kontra l-appellat Mallia Milanes u l-kliem li l-appellant qal li kien qal dwaru, l-MIA tgħid li l-istess appellat xehed u ċaħad dan. Għar-rigward tal-kwistjoni tat-talba għall-ħatra ta' espert tekniku li l-appellant iqanqal fir-Rikors tal-Appell tiegħu, l-MIA tgħid li ma tirriżultax la mill-premessi u lanqas mit-talbiet, u tissemma biss ħafif ħafif fis-sottomissjonijiet miktuba li ressaq quddiem l-ewwel Qorti wara li kien ingħalaq l-istadju tal-ġbir tal-provi. F'kull każ, l-MIA tisħaq li dik il-ħatra ma kinitx meħtieġa għaliex il-Bord seta' jgħaddi għall-ġudizzju tiegħu fuq is-saħħa tal-provi mressqa, magħdud rapport ta' espert imressaq *ex parte* mill-istess appellant;

16. Illi l-Qorti tqis li l-ewwel aggravju għandu bħala ilment ewlieni l-fatt li l-ewwel Qorti ma setgħetx teħles lill-membri appellati mill-ħarsien tal-ġudizzju għaliex uħud mill-pretensjonijiet attriċi jinbnew sewwasew fuq l-imġiba jew iċ-ċirkostanzi tal-istess appellati personalment. F'dan ir-rigward, l-aggravju ma jibqax marbut mal-aspetti kostitutivi tal-Bord u tal-Bord tal-Appelli, imma fuq l-aspetti tal-mod kif tmexxa l-każ tiegħu ladarba l-Bord twaqqaf. L-appellant jibni l-argument tiegħu fuq nuqqas li jgħid li l-Bord ikkommetta meta ddiskuta minn wara dahru t-talba tiegħu għall-ħatra ta' espert tekniku ma' rappreżentanti tal-istess MIA. Huwa jgħid li saħansitra ttieħed parir legali li wassal biex it-talba ma tintlaqax. Huwa jisħaq li, fih innifsu, din l-imġiba waħedha kellha twassal biex l-ewwel Qorti messha sabet lill-appellati ħatja ta' nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali;

17. Illi l-Qorti tibda biex tgħid li n-natura ta' azzjoni hija determinata mill-indoli tagħha. Dawn joħorġu mit-tfassila tal-att promotur li bis-saħħa tiegħu tinfetaħ il-kawża. Qari xieraq tar-rikors promotur ma jħalli l-ebda dubju li l-appellant isejjes l-azzjoni tiegħu fuq il-ħatra mill-MIA ta' arbitri u membri fuq il-Bord jew il-Bord tal-Appelli. Dak l-att jgħid li tali ħatra saret bi ksur ta' dak

li tipprovdi l-klawsola 5.3 tal-ftehim imsejjaħ "*Procedure for the Administration of Discipline*"[1], għaliex jgħid li l-persuni maħtura kellhom konflitt ta' interess u nuqqas serju ta' indipendenza mill-MIA, minbarra li kienu diġà għaddew ġudizzju dwaru fi proċeduri oħra qabel. Jgħid ukoll li l-proċeduri ta' dixxiplina nbdew fuq akkużi li tressqu mill-MIA u ġew deċiżi minn persuni maħtura minnha. Huwa jitlob li l-Qorti ssib li ftehim kollettiv u l-proċedura dwar l-amministrazzjoni ta' dixxiplina inkisru billi ma ġewx segwiti il-prinċipji ta' ġustizzja naturali;

18. Illi xieraq jingħad ukoll illi meta l-attur jagħżel għamla ta' azzjoni partikolari, irid ikun responsabbli biżżejjed illi jagħti l-opportunità lill-parti mħarrka tiddefendi lilha nnifisha fil-parametri tal-azzjoni kif imressqa[2]. Il-membri appellati ġew imħarrka f'isimhom personali "għal kull interess li jista' jkollhom". Għal dan, huma ressqu l-eċċezzjoni li kellhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, u jsejsu l-eċċezzjoni tagħhom fuq żewġ binarji: l-ewwel, billi l-appellant ressaq l-azzjoni fuq premessi li jmissha twieġeb għalihom MIA; it-tieni, li r-relazzjoni tal-appellant hija mal-MIA u mhux magħhom;

19. Illi s-sehem tal-membri appellati fil-proċeduri dixxiplinarji kien jikkonsisti fil-fatt li huma kienu maħtura bħala Bord ta' Dixxiplina tal-ewwel istanza li temm xogħlu malli ta d-deċiżjoni f'Jannar tal-2012[3]. Ħareġ ukoll li l-proċedura dixxiplinari mertu ta' dan il-każ ma kinitx l-ewwel darba li l-appellant deher quddiem xi wħud mill-appellati, billi xi snin qabel l-appellant tressaq quddiem il-Bord dwar xiljiet oħrajn. Fix-xhieda li tressqet, ħareġ l-ispunt li fuqu l-appellant qed jibbaża l-ewwel aggravju tiegħu, jiġifieri s-sehem tal-Bord meta ġie biex iqis il-ħatra ta' espert tekniku[4]. Tressaq ukoll xhud li f'ċirkostanza oħra, sema' lill-appellat Mallia Milanes jgħaddi xi rimarka lill-appellant[5];

20. Illi biex persuna mħarrka tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, minkejja li tkun kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi, mill-atti jrid jintwera li x-xiljiet miġjuba kontra tagħha ma jirriżultawx, għalkemm jistgħu jirriżultaw kontra xi parti mħarrka oħra. F'dan il-każ, l-ewwel Qorti ma tikkummenta xejn fuq il-kwistjoni tad-diskussjoni u tad-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront ta' l-espert tekniku, filwaqt li fir-rigward tal-appellat Mallia Milanes tgħid li l-kumment

---

[1] Dok "02", f'paġġ. 55 – 64 tal-proċess

[2] Ara, per ezempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino et v. Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748**)

[3] Dok "15", f'paġġ. 136 – 9 tal-proċess

[4] Ara x-xhieda ta' Franco Masini f'paġ. 520 u ta' Charles Magro f'paġ. 521

[5] Ara x-xhieda ta' Dr Angelo Farruġia f'paġ. 264 tal-proċess

ngħad meta l-istess appellat ma kienx qed jaqdi l-funzjonijiet tiegħu ta' *chairman* jew membru tal-Bord;

21. Illi l-Qorti tqis li l-ewwel Qorti qieset aktar minn aspett wieħed li jsemmi l-appellant fir-rigward ta' aktar minn wieħed mill-appellati. Għalkemm is-sentenza appellata ma tgħid imkien espressament li l-ewwel Qorti kienet laqgħet l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva mqajma minn dawk l-appellati, bil-fatt li s-sentenza – fil-parti dispożittiva tagħha – tgħid li "takkolji r-risposti kollha", għalhekk wieħed jifhem li dik il-Qorti laqgħet ukoll din l-eċċezzjoni. Wara li din il-Qorti fliet ix-xhieda li tressqet quddiem l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward, hija tasal għall-fehma li, għalkemm kliem l-appellat Mallia Milanes seta' ma ngħadx, min-naħa l-oħra ma ntweriex li waqt is-smigħ tal-proċeduri, l-istess appellat, jew ukoll l-membri l-oħra, kienu b'xi mod ippreġudikati favur jew kontra l-appellant, jew li ma qdewx il-ħatra tagħhom b'mod imparzjali. Lanqas ma jikkostitwixxi ksur tar-regola dwar l-imparzjalità l-fatt li setgħu kellhom xi sehem fit-tfassil tal-ftehim kollettiv li, bis-saħħa tiegħu, twettaq il-ftehim dwar il-Proċedura Dixxiplinari. Dwar dan l-aspett, il-Qorti se tagħti l-fehmiet tagħha hi u tqis it-tieni aggravju tal-appellant;

22. Illi għar-rigward tal-ilment marbut mal-ħatra ta' espert tekniku, kemm ix-xhieda tal-appellat Masini kif ukoll dik tal-appellat Magro mhix daqstant konklużiva. L-appellat Magro xehed li l-Bord kellu materjal biżżejjed li bih seta' jasal għall-ġudizzju tiegħu, u l-appellant ma ressaqx prova li tmieri dan. Min-naħa l-oħra, l-appellat Masini jgħid li, fil-qadi ta' dmirijietu, ma kellux indħil mill-MIA[6];

23. Illi fuq is-saħħa ta' dawn il-fatti u wkoll fid-dawl tal-għamla partikolari ta' azzjoni mibdija mill-attur, din il-Qorti ssib li ma hemmx biżżejjed raġunijiet (u provi) għaliex l-membri appellati kellhom iwieġbu huma għat-talbiet attriċi u lanqas għal dawk marbuta mal-mod u b'liema setgħa nħatru biex jisimgħu l-każ dixxiplinari li l-MIA nediet kontrih;

24. Illi għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-appellant ma jirriżultax mistħoqq u mhux ser jintlaqa';

25. Illi dwar **it-tieni aggravju**, l-appellant jgħid li l-ewwel Qorti ma kinitx fis-sewwa meta qieset li l-MIA ma kellhiex obbligu li tħares il-prinċipji tal-ġustizzja naturali. L-appellant itenni li, bħala firmatarja tal-ftehim kollettiv u tal-ftehim mehmuż imsejjaħ "*Procedure for the Administration of Discipline*" li

[6] Ara x-xhieda ta' Franco Masini f'paġ. 540 tal-proċess

jagħmel parti minnu, l-MIA daħlet għall-obbligu li mhux biss tħares il-ftehim iżda tassigura li l-ftehim qed jitwettaq;

26. Illi għal dan l-aggravju, il-membri appellati jgħidu li dan l-aggravju jolqot lill-MIA, billi huma ma kellhomx is-setgħa li jwettqu l-ftehim kollettiv u f'dan ir-rigward ma jikkummentawx dwaru;

27. Illi min-naħa l-oħra, l-MIA tgħid li l-appellant ressaq l-azzjoni fuq is-saħħa ta' obbligu kontrattwali maħluq bi klawsola 5.3 tal-ftehim ta' proċedura, u ħarsitu. Tgħid, iżda, li lil hinn minn hekk hija ma tistax tinżamm responsabbli għal dak li jseħħ waqt is-smigħ ta' każ ta' dixxiplina, għaliex hekk kif jinħatar Bord, jaqa' fuq dak il-Bord li jara li jimxi mal-proċeduri u jħares ir-regoli ta' ġustizzja naturali. Is-sehem tagħha huwa limitat għall-ħatra ta' xi persuni, bi qbil mal-firmatarji l-oħrajn tal-ftehim kollettiv biex minn fosthom jintgħażlu l-persuni li jippresjedu l-Bord jew, jekk ikun il-każ, il-Bord tal-Appelli. Tissottometti wkoll li huwa l-Bord li jagħżel il-proċedura li jimxi biha u l-MIA ma tindaħalx fil-mod kif il-Bord imexxi l-każ li jkollu quddiemu;

28. Illi ma għad hemm l-ebda dubju li, fil-liġi tagħna, il-ftehim kollettiv huwa kuntratt li dwaru jgħoddu r-regoli ċivili dwar l-effetti tagħhom[7]. Hekk ukoll, f'dan il-każ, ir-rabta fil-ftehim kollettiv dwar il-ħarsien tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali torbot lill-persuni maħtura fuq il-Bord u fil-Bord tal-Appelli u mhux lil MIA. L-obbligu tal-MIA kien li taħtar persuni ta' integrità u ħila, kif ukoll li l-persuni maħtura ma jkunux impjegati tagħha jew "bħala sempliċi paraventu bla ebda sustanza flok proċess investigattiv serju"[8];

29. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju jirrigwarda l-aspett kostituttiv tal-Bord u l-garanzija tal-imparzjalità li tingħata bis-sura ta' kif u minn min ikun magħmul. Fir-Rikors tal-Appell, u matul biċċa sewwa mit-trattazzjoni li għamel quddiem din il-Qorti, l-għaref difensur tal-appellant saħaq ħafna dwar is-salvagwardji li l-Bord kellu jkollu biex jiggarantixxi li l-każ tal-appellant jinstema' kif jixraq u b'ekwità. Min-naħa tagħha, l-MIA tisħaq li s-salvagwardji mistennija f'bordijiet interni ta' dixxiplina fi ħdan impriża ma għandhomx jitqabblu ma' dawk mistennija minn tribunali jew qrati fis-smigħ tal-każijiet li jkollhom quddiemhom;

30. Illi huwa minnu li l-klawsola 5.3 tal-ftehim dwar il-Proċedura Dixxiplinari fi ħdan l-MIA tgħid espressament li kemm il-Bord u kif ukoll il-

---

[7] Art. 992 sa 101 tal-Kap. 6 u App Ċiv. **1.12.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Malta Shipyards Ltd v. General Workers' Union***

[8] P.A. JSP **11.6.1991** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Reno Borġ v. Joseph N. Tabone et noe*** (mhux pubblikat)

Bord tal-Appelli jistgħu jirrregolaw il-proċedura tagħhom, imma jħarsu l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Il-Qorti tgħid li, ukoll kieku dak il-kliem ma tniżżilx fil-klawsola msemmija, kull Bord għandu jħares l-imsemmija prinċipji, l-aktar fejn il-każijiet li jitressqu quddiemu jkunu ta' natura dixxiplinari b'sanzjonijiet punitivi jew li jistgħu – bħal fil-każ tal-appellant – ikollhom riperkussjonijiet radikali fuq l-impieg tagħhom. Iżda dan ma jfissirx li t-twaqqif u l-għamla ta' tali strutturi ta' dixxiplina interna fi ħdan ażjenda jridu jkollhom l-istess binja u awtonomija bħalma huwa mistenni li jkollhom il-qrati u t-tribunali mwaqqfa bis-saħħa tal-liġi;

31. Illi, f'dan ir-rigward, huwa mgħallem u aċċettat li, fid-dinja tax-xogħol, "*The responsibility for drawing up a disciplinary procedure is on the employer. Clearly, if he can obtain the co-operation and assistance of any relevant trade union, or of his employees, so much the better, but in the absence of such co-operation, the employer must draw up a procedure. .. .. .. On the other hand, the absence of a disciplinary procedure (except in very small establishments), or the existence of an unfair procedure, makes it very difficult for an employer to argue that he has acted fairly. .. .. .. The composition of any disciplinary body will doubtless be determined by each employer in accordance with the size of the firm and the circumstances of each case. .. If an appeal may be made to a disciplinary board, its composition should be specified, with due regard to providing substitutes as appropriate. .. .. .. A disciplinary hearing must be conducted fairly. To achieve this, a number of rules should be observed. A. The employee is entitled to know the nature of the charge against him, in sufficient detail to enable him to prepare his case .. .. B. An employee should always be given an opportunity to state his case no matter what the circumstances are. .. ..C. He should be permitted the right to have a trade union representative to speak on his behalf, or another employee who is willing to do so. .. .. D. He should be informed of a right to appeal to a higher level of management. .. If a disciplinary procedure has been incorporated into the employee's contract of employment, it must be strictly complied with. .. .. .. However, it is very important that internal appeals procedures operated by commercial concerns should not be cramped by legal requirements which impose impossible burdens on the way they conduct their affairs. .. .. .. Attempts to treat disciplinary and investigatory hearings with the same standards of strict legal proceedings have been resisted in a number of cases and the courts have insisted that they will interfere in the most exceptional circumstances.*"[9];

32. Illi l-Qorti tqis li din il-fehma toħroġ ukoll minn deċiżjonijiet li jirrigwardaw ilmenti ta' ksur ta' smigħ xieraq u dwar jekk il-funzjonijiet ta' bord ta' dixxiplina jkunux jaqgħu taħt l-iskrutinju li jintuża fil-każ tal-

---

[9] N.M. Selwyn _Selwyn's Law of Employment_ (9th Edit.) §§ 11.3 – 11.16A, f'paġġ. 294 – 302. Ara wkoll M. Whincup _Modern Employment Law_ (9th Edit.) §§ 9.31 – 9.32 f'paġġ. 190 – 1

proċeduri quddiem il-Qrati jew tribunali[10]. Dwar dan, id-difensur tal-appellant għamel aċċenn sewwa fuq il-kwistjoni ta' kif, mal-medda taż-żmien, il-kriterji tal-imparzjalità u l-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq twessgħu biex jgħoddu wkoll għal proċeduri dixxiplinari rigwardanti ħaddiema jew professjonisti. Din il-Qorti tqis li s-sottomissjoni tal-appellant kien ikollha siwi li kieku l-proċeduri ta' dixxiplina li tressaq taħthom ma kinux finali u konklussivi jew ma kellu l-ebda rimedju wara l-eżitu tagħhom. Imma dan ma kienx il-każ, u għalhekk, il-fatt li l-liġi kienet u għadha tagħti lil persuna suġġetta għal proċeduri dixxiplinari l-jedd li tikkontesta dawk il-proċeduri quddiem qorti, iġib miegħu li bord jew korp imwaqqaf biex jeżerċita funzjonijiet dixxiplinari ma jkunx jaqa' taħt il-kejl mistenni minn qorti jew tribunal. F'dan ir-rigward ingħad li *"even where an adjudicatory body determining disputes over 'civil rights and obligations' does not comply with Article 6§1 in some respect, no violation of the Convention can be found if the proceedings before that body "are subject to subsequent control by a judicial body that has full jurisdiction and does provide the guarantees of Article 6§1"*[11];

33. Illi safejn l-aggravju tal-appellant jirrigwarda ċ-ċirkostanzi partikolari tal-appellati jew ta' wħud minnhom, b'mod partikolari fl-għoti ta' konsulenzi lil MIA ma' ħwejjeġ ta' xejra industrijali, l-ewwel Qorti sabet li ma kien hemm xejn x'iżomm lil MIA milli taħtar persuna bħal dik fost il-persuni li jistgħu jidhru fuq il-Bord ukoll jekk kienet konsulent tagħha. Din il-Qorti tqis li bħala persuna fdata bil-funzjoni ta' aġġudikazzjoni, persuna bħall-appellati hija mistennija li mhux biss tidher iżda tabilħaqq tkun indipendenti u imparzjali fit-twettiq tal-ħatra tagħha u miftuma minn xi interess fil-mertu tal-aġġudikazzjoni. B'dan il-mod biss jista' jigi assikurat serħan tal-moħħ tal-persuna li ser tiġi aġġudikata li l-process ikun wieħed għal kollox trasparenti[12]. Il-Qorti tqis ukoll li persuna tintgħażel fuq bord għaliex tkun midħla jew ikollha tagħrif fil-materja li qiegħda quddiemha. Jidher biċ-ċar li, b'xi mod jew ieħor, kull wieħed mill-appellati kien persuna midħla sewwa fil-qasam industrijali. Minbarra dan, il-ħatra tagħhom hija l-frott ta' qbil minn qabel inbeda l-każ tal-appellant mill-partijiet li ffirmaw il-ftehim kollettiv u dak dwar il-proċedura dixxiplinari. Fl-aħħarnett, il-Qorti tqis li l-mod tal-ħatra tal-Bord u tal-Bord tal-Appelli li dwarhom l-appellant jilmenta f'din il-kawża jidher li huwa l-istess mod kif inħatru l-Bord u l-Bord tal-Appell li semgħu l-każijiet tiegħu ta' dixxiplina qabel u li l-appellant ma ilmenta bl-ebda mod minnhom f'dak iż-żmien;

---

[10] B'eżempju, ara Kost. **12.2.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Grace Gatt v. Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et*** §§ 46 – 7

[11] Q.E.D.B. **8.10.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Grace Gatt v. Malta*** (Applik. Nru. 46466/16) § 79

[12] App. (Inf.) MCH **19.6.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Kunsill Lokali Pembroke et v. L-Awtorità tal-Ippjanar***

34. Illi fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li lanqas dan it-tieni aggravju ma huwa mistħoqq u mhux se jintlaqa';

***Deċide:***

35. Ghal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-attur mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru, 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi u tikkonfermaha għal kollox, **bl-ispejjeż** ta' din l-istanza wkoll kontra l-attur appellant.'

Rat dik il-parti tal-Ftehim Kollettiv applikabbli intitolata Procedure for the Administration of Discipline annessa a fol. 16 et seq tal-process ikkwotata li taqra kif isegwi:

5.1 The Disciplinary Board, designated to hear disciplinary cases in relation to serious offences, shall be composed of three persons; the Company and the Union shall each appoint a member of their choice and the Company shall also appoint a person to act as Chairman of the Disciplinary Board.

5.1.1 The Chairman shall be chosen from among a pool of persons, deemed to be fit to chair the Disciplinary Board, which persons shall be agreed to from beforehand, between the Company and the Union.

5.2 The Appeals Board shall be composed of one person, which shall be selected by the company out of a pool of people deemed to be fit to Chair the Appeals Board. The people who may be chosen by the Company to chair the appeals Board shall be agreed to from beforehand, between the Company and the Union.'

Rat l-affidavit tar-rikorrent **Frederick Attard** a fol. 32 et seq tal-process. Huwa jaghti d-dettalji dwar kif beda l-impjieg tieghu mal Gvern ta' Malta u kif dan prosegwa tul is-snin u kif mis-sena 1991 l-quddiem huwa spicca jahdem mal-Malta International Airport plc. Jispjega li fis-sena 1997 kien ressaq kaz kontra s-socjeta' intimata quddiem it-Tribunal tal-Ingustizzji dwar allegata disrkiminazzjoni politika u li fil-fatt dan kien intrebah minnu u nghata rimedju li jinghata l-kariga ta' Air Terminal Executive b'effett mis-sena 1992 u jitpogga fil-lista tas-Seniority u hlas b'lura. Jghid li inqas minn xahar wara din id-decizjoni fis-sena 2003 inbdew proceduri ta' dixxiplina fil-konfront tieghu fuq allegazzjoni li ghamel cajta fuq il-post tax-xoghol u gie sospiz mix-xoghol b'nofs paga. Izid li l-Bord ta' Dixxiplina sabu hati izda l-Bord tal-Apppell illiberah. Jaghti wkoll id-dettalji dwar min kienu l-membri fil-Bordijiet uhud minnhom intimati fil-kawza annessa 433/12. Jaghmel emfazi partikolari dwar allegat konflitt ta' nteress ta' membru fil-Bord ta' Dixxiplina Alfred Mallia Milanes ghar-raguni li kien ukoll konsulent industrijali mhallas mill-MIA plc. Jghid li tul il-proceduri ta' dixxiplina suespost dan Alfred Mallia Milanes fi proceduri quddiem Qorti kien qallu b'lehel gholi 'kollok inkwiet int Sur Attard'.

Fl-affidavit tieghu izid li fit-13 ta' Gunju 2008 gie ffirmat Ftehim Kollettiv li fih hadu sehem attiv il-General Workers Union u l-Union Haddiema Maghqudin izda skont hu rizultat ta' certu maneggji li jispjega fl-affidavit thalliet barra union ohra minoritarja ir-Rampa Union. L-istess jghid dwar l-iffirmar tal-proceduri ta' dixxiplina annessi mal-Ftehim Kollettiv li sar nhar it-2 ta' Novembru, 2010.

Dwar il-proceduri dixxiplinari mertu tal-kaz odjern jixhed kif isegwi:

'18. <u>Proceduri ta' dixxiplina 2011</u>

Fis-7 ta' Frar 2011 il-Malta International Airport plc akkuzatni li fl-4 ta' Frar 2011 qassamt pornografija oxxena fuq 'Group e-mail address' maghruf bhala 'Flight Updates' mill-computer tax-xoghol u mill-email address tieghi assenjati lili mill-Kumpannija. Dan meta kont dejjem issegregat, maqtugh ghal wahdi u dejjem taht dawl qawwi ta' ghassa mid-dipartiment tas-sigurta' tal-Kumpannija. Din l-akkuza giet michuda minni.

19. Fit-18 ta' Frar 2011 il-Kumpannija akkuzatni li uzajt l-email address li kelli f'ismi mal-Kumpannija biex naghmel xoghol privat. Dan ma' kienx minnu. L-IT policy kienet taghmila cara illi stajt nuza dan l-email, li kien f'ismi ghal korrispondenza privata li kienet konnessa mal-'hobby' tieghi bhala kollettut tal-armi u membru fl-'Association of Maltese Arms Collectors and shooters'. Kont niehu sehem ukoll bhala impjegat tal-Kumpannija f'kompetizzjonijiet ta' sparar organizzati mil-Kumpannija. Din l-akkuza giet michuda minn b'ittra tat-28 ta' Frar 2011.

19. Fid-29 ta' Marzu 2011 wara 'challenge' lil-bord ta' dixiplina tal-Avukat Antonchich inghata risposta mill-bord dwar il-membri mahtura fuq il-bord. Il-hatra tas-Sur Charles Magro membru mahtur mill-UHM biex jirraprezenta lili, meta dan ma' kontx naf min hu. Ma' kienx igawdi il-fiducja tieghi. Dan flimkien mal-hatra ta' Alfred Mallia Mialnes, il-konsulent industrijali tal-Kumpannija, bhala membru ghan-nom ta'l-istess Kumpannija. Il-bord kien jaf bid-dritt kostituzzjonali tieghi ta' 'Freedom of Association', pero skond il-membri tal-bord il-Ftehim Kolettiv xejjen id-dritt kostituzzjonali tieghi.

Aghar minn hekk il-bord iddecida li ma' kienx hemm konflitt ta' interess ta' Alfred Mallia Milanes, bhala konsulent industrijali s-salrjat mal-Malta International Airport plc. Bhala konsulent industrijali ha sehem dirett fit-tfassil u fin-negozjati tal-Ftehim Kollettiv u fil-proceduri ta' dixxiplina.
Il-bord ma' laqaghax l-eccezjonijiet.

Dok. 11 – 29th March 2011 'Preliminary Decision'

20. Fil-31 ta' Jannar 2012. Il-bord ta' dixxiplina sabni hati taz-zewg akkuzi. Dok. 12 – Decision.

21. Appellajt quddiem bord tal-appell maghmul min membru wiehed, Antoine Degiovanni. Tlabt ghar-rikuza tieghu ghax hassejt li kellu konflitt ta' interess u nuqqas ta indipendenza u imparzjalita. Dan peress li fi proceduri dixxiplinari tal-5 ta' Mejju 2003, msemmija aktar il-fuq, hu kien il-persuna ta' fiducja u nominat biex jirraprezenta l-interessi tal-Malta International Airport plc fuq dak il-bord ta' dixxiplina. Aggravju iehor kien meta sirt naf illi mill-'pool of people' minn fejn jintghazlu ic-'Chairpersons' tal-bord ta' dixxiplina u l-appell, imsemmija fil-proceduri ta' dixxiplina kien hemm zewg persuni biss – Masini u Degiovanni. Dawn kienu jolternaw bejniethom bejn bord u appell. Degiovanni cahad din it-talba ghar-rikuza tieghu nnifsu.

22. 27 ta' Gunju 2012. B'decizjoni finali gejt misjub hati mil-bord ta' l-appell. Dok. 13 – 'Final Decision'

22. 2 ta' Lulju 2012. "Termination of employment with immediate effect'. Ittra ta' Roderick Bajjada Head of HR & Administration. Dok. 14 – 2 ta' Lulju 2012 – Tkexxija mix-xoghol.

Il-Qorti rat il-kontenut tad-dokumentazzjoni kollha annessa mal-affidavit tar-rikorrent.

Rat l-affidavit tal-iSpeaker **Dr Anglu Farrugia** a fol. 113 tal-process. Huwa jixhed kif kien hu li rregistra l-*house union* fil-Malta International Aiprort fis-sena 2004 bl-isem ta' Rampa Union. Skond dan ix-xhud din il-Union thalliet barra mill-ftehim kollettiv tas-sena 2007 nonostante li kellha 118 il-membru. B'referenza ghall-proceduri ta' dixxiplina jghid li skont il-paragrafu 5 tal-ftehim kollettiv jghid li a differenza ta' membru tal GWU jew UHM, membru tar-Rampa Union ma setax ikollu membu tal-union li fiha huwa membru cioe' Rampa Union sabiex tirraprezentah fil-proceduri dixxiplinari. Rat id-dokument a fol 116 li jikkonferma li Rampa Union spiccat tezisti mis-sena 2014.

Rat l-affidavit ta' l-**Avukat Dr. Henry Antoncich** bhala konsulent legali tar-rikorrent Frederick Attard. Fl-affidavit tieghu jghid li huwa assista lir-rikorrenti fil-proceduri dixxiplinari fil-konfront tieghu li ttiehdu fis-sena 2011. In succinct jerga' jindika r-ragunijiet gia ndikati mir-rikorrenti fl-affidavit tieghu ghalfejn isostni li r-rikorrenti ma nghatax smiegh xieraq waqt il-procedui abbazi ta' kif gew nominati l-memberi tal-Bord ta' Dixxiplina u tal-Bord ta' Appell fosthon minhabba li r-rikorrent ma kienx membru tal-ebda union firmatarja fil-ftehim kollettiv, li Alfred Mallia Milanes kien konsulent imhallas mis-socjeta MIA plc. u li Anthony Degiovanni fil-Bord tal-Appell kien ukoll parti fi procedura ta' dixxiplina precedenti kontra r-rikorrent rapprezentanti f'dak il-kaz tal-MIA plc. Jixhed ukoll dwar kwistjoni li nqalghet waqt il-proceduri dixxiplinari dwar jekk kellux jigi mahtur espert tal-IT sabiex jirrelata dwar il-kaz u jsostni li d-decizjoni li dan ma jigix mahtur ittiehdet minghajr il-kontribut tar-rikorrent u b'mod unilaterali mal-MIA plc. Jidhol ukoll fil-

mertu tal-proceduri dixxiplinari u finalment jghid li Frederick Attard kemm il-darba stqarr mieghu li l-Bordijiet kienu gew imfassla biex jehilsu minnu u jkeccuh.

Rat ukoll ix-xhieda tal-**PL Peter Paul Zammit** permezz ta' affidavit a fol. 129 tal-process li wkoll jixhed li kien assista lir-rikorrent fil-proceduri dixxiplinari tas-sena 2011. Jixhed dwar il-punti preliminari li tqajjmu fil-porcedura b'referenza ghall-komposizzjoni tal-Bord u l-allegata vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq. Jghid li dawn gew michuda ghar-raguni li inghad li l-membri, ghalkemm appuntati mill-firmatarji dawn mhumiex meqjusa bhala rapprezentanti taghhom. Jghid ukoll li tqajjmu oggezzjonijiet dwar l-indiparendenza ta' Anthony Degiovanni fil-Bord tal-Appell fejn dan tal-ahhar cahad l-ilment u kkonferma d-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina kontra r-rikorrent.

Rat a fol. 132 et seq il-minuti tal-proceduri ta' dixxiplina fil-konfront tar-rikorrent u hadet kont tal-kontenut taghhom fosthom l-oggezzjonijiet preliminari mqajjma mir-rikorrenti f'dawk il-proceduri kif gia elenkati fix-xhieda tieghu u tal-konsulenti legali tieghu.

Il-Qorti rat li f'isem il-kumpanija intimata xehdet permezz ta' affidavit **Tina Lombardi**, Head of Human Resources sa minn Settembru 2016 l-quddiem, ghalkemm kienet impjegata tal-kumpanija minn qabel, liema affidavit jinsab a fol. 143 et seq tal-process. Hija tghid li fi zmien il-proceduri ta' dixxiplina in kwistjoni hija ma kinitx tokkupa l-kariga allura li ghamlet hi huwa li gabret 'records' tal-kumpannija. Hija annettiet mal-affidavit taghha dokumentazzjoni relattiva mal-proceduri dixxiplinari in kwistjoni kif ukoll mal-kawza li l-process taghha jinsab anness mal-proceduri odjerni. Il-Qorti rat ukoll id-dokumentazzjoni

esebita mal-affidavit inkluz il-proceduri kollha quddiem il-Bord ta' Dixxiplina u dawk tal-Appell.

Rat ukoll ix-xhieda in kontro ezami ta' din l-istess xhud li sar quddiemha fil-25 ta' Awwissu, 2022 (fol. 317 et seq tal-process). Hija tikkonferma li Alfred Mallia Milanes huwa konsulent tal-MIA dwar ir-relazzjonijiet industrijali.

Rat ix-xhieda ta' **Diane Vella Muscat**, Direttur tax-Xoghlijiet li xehdet quddien din il-Qorti nhar is-16 ta' Gunju, 2022 a fol. 308 et seq tal-proces.. Dwar il-Ftehim Kollettiv in kwistjoni tixhed li hija taf bih bhala parti mir-registru bhal ma jezistu hafna ftehimiet ohra. Mistoqsija x'inhuma l-obbligi tad-Dipartiment taghha fir-rigward ta' Fehim Kollettivi hija tixhed kif isegwi:

'Meta ahna nircievu registru kollettiv, nirregistrawh, illum sirna kollox b'mod elettroniku fl-information system taghna, u nibghatu ovvjament acknowledgement lill-parti li tkun bghatitha. U mbaghad ovvjament ir-registru ghandu pero funzjoni primarja; illi nikkonsultawh fejn jidhol ghar-rata tal-collective bargaining f'Malta. Din hija importanti hafna kemm ghaliex anka nikwotawha f'fora internazzjonali skont kif jigi rikjest, kif ukoll anka ezempju bhalissa li qed tigi diskussa d-direttiva tal-minimum wage, parti minnha ha tkun titratta I-collective bargaining rate tal-pajjiz, allura r-registru ghandu dak l-ghan. Fix-xoghol tieghi wkoll imbaghad nuzawh ir-registru, nikkonsultaw mieghu f'kaz meta jkollna rikonoxximent fuq il-post tax-xoghol. Mela meta ahna tigi l-union ghandna qed titlob, l-ewwel li ma naghmlu nirrikorru lejn ir-registru naraw jekk hemmx collective agreement. Ghalfejn? Ghax jekk hemm collective agreement il-probabilta li

hemm union ohra allura f'dak il-kaz umbaghad il-union l-ohra ndahhluha fil-process. Apparti minn hekk, niccekjaw id-data ta' dak il-collective agreement ghaliex il-ligi tal-verifika tghidlek bic-car illi tliet (3) xhur qabel u tliet (3) xhur wara ma jistax ikun hemm 1-ebda talba ghal rikonoxximent u gieli filfatt waqqafna fuq hekk. Fejn nuzawh iktar? U mbaghad nuzawh, ir-registru nirrikorru ghalih jekk ikollna xi kazi li jkunu gew irrappurtati lilna fejn il-persuna tkun taghmel parti minn ftehim kollettiv, kemm jekk ikun kaz individwali u anka fkaz ta' tilwima industrijali. U l-ahhar nahseb li nikkonsultawh ukoll, dan l-ahhar qed ikollna hafna rikjesti minn kumpaniji li jiehdu sehem f'public procurement; tenders u hekk, jitolbuna bhala garanzija li vera hemm collective agreement. Mela ahna nikkonsultaw ir-registru u nohorgu ittra ghax umbaghad dikjipprezentawha I-Bord ta' Evalwazzjoni.'

Izzid li l-kontenut tal-Ftehim Kollettiv huma ma jezaminawhx jirregistraw biss il-Ftehim. Tghid li jigu registrati ghexieren ta' Ftehim Kollettivi fis-sena. Mistoqsija in kontro-ezami jekk hux parti mill-funzjoni taghha hix li jekk ikun hemm kuntratt ma' individwu jaraw il-kundizzjonijiet humiex accettabbli tghid li l-kaz irid jigi rapurtat lilhom jew inkella jkunu ltaqghu mal-kaz. Tikkonferma mal-Qorti izda li jekk ikun ingab a konjizzjoni taghhom li hemm xi haga illegali jinfetah kaz u jigi nkarigat spettur fuq il-kaz. Dwar il-Ftehim Kollettiv li jigu registrati tghid li hemm zewg funzjonijiet, l-ewwel wahda li dawn jigu registrati fir-Registru u t-tieni wahda li meta jkun hemm xi tilwima industrijali jaghmlu referenza ghalih. Tixhed li mihiex il-mansjoni tad-Dipartiment rapprezentat minnha li jindahlu fil-ftehim li jkunu waslu ghalih il-partijiet. Tghid li huma jidhlu wara:

'Ahna jekk ikun hemm tilwima industrijali, u tkun tirrelata, ghax mhux bilfors tkun tirrelata parti mill-collective ezempju interpretazzjoni jew hekk, il-mansjoni taghna huwa li nlaqqghu l-partijiet ghaliex l-unika fora apparti tribunali u qrati li ghandhom litteralment fejn jiltaqghu, joqghodu bejniethom taht ir-rapprezentanza tad-DIER u jippruvaw isibu soluzzjoni, kemm ghal dakinhar u jista jkun li anka ghal futur'.

Il-Qorti rat li ghalkemm fil-provi mkien ma jissemmew proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali, jirrizulta minn nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' ntimata li hemm proceduri pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali relatati mal-istess proceduri dixxiplinarji kontra r-rikorrent li jgibu n-numru 3080/CC li skont l-istess socjeta' ntimata ilhom pendenti minn Jannar 2013 sal-lum l-ewwel jistennew il-proceduri civili precedenti w'issa l-kawza kostituzzjonali odjerna.

**Ikkunsidrat ulterjoment:**

Illi ghalkemm minn analizi tal-provi fl-atti l-Qorti rat li r-rikorrent f'hafna mill-provi mressqa minnu dahal fil-mertu tal-kwistjoni industrijali bejnhu u s-socjeta intimata, din il-Qorti fis-sede taghha Kostituzzjonali taghmilha cara li mhiex ser thalli li r-rikorrenti juzha bhala Qorti tat-terz appell u ser tanalizza t-talbiet tar-rikorrent limitatament ghall-allegati ilmenti ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.

**Legittimu Kontradittur:**

Illi fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrent kif diretti fil-konfront tas-socjeta' ntimata l-istess socjeta' teccepixxi li mihiex il-legittimu kontradittur stante li ssostni lihuwa biss l-Istat li jista' jinstab hati

ta' nuqqasijiet u/jew lezjoni fil-konfront tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem kemm fit-termini tal-Kostituzzjoni u wkoll tal-Konvenzjoni. Illi fil-kaz odjern ir-rikorrent jallega li l-Istat ghandu sehem fis-socjeta' ntimata. Da parti taghha s-socjeta' ntimata ghalkemm tammetti li l-Istat ghandu sehem fl-istess socjeta' tindika wkoll li hija kumpanija registrata fil-Borza ta' Malta u ma tistax tigi meqjusa bhala formanti parti mill-Istat. Il-Qorti taqbel mal-eccezzjoni tas-socjeta' ntimata li ma tistax tigi meqjusa bhala formanti parti mill-Istat izda hija entita kompletament separata. Il-Qorti izda wara li rat it-talbiet tar-rikorrent, fejn fost ohrajn qed jitlob rimedju li l-proceduri kollha fil-konfront tieghu jigu dikajrati nulli, liema proceduri ttiehdu mis-socjeta' ntimata tqis li s-socjeta' ntimata hija legittimu kontradittur biss u limitatament f'dan is-sens stante li f'kaz li l-lanjanzi tar-rikorrenti jigu milqugha kollha jew in parte, parti mir-rimedju mitlub jinvolvi azzjonijet da parti tal-istess socjeta intimata. Huwa biss f'dan is-sens li din il-Qorti tqis li s-socjeta' ntimata hija legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni u ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni izda b'din il-limitazzjoni.

**L-ewwel talba:**

Illi fil-kaz odjern ghal dik li hija l-lanzjanza kostituzzjonali u minghajd ma din il-Qorti ma tidhol fil-mertu tal-proceduri dixxiplinari kontra r-rikorrent, jidher li r-rikorrent fl-ewwel talba tieghu qed jilmenta li l-proceduri ta' dixxiplina kif elenkati fil-paragrafu 5 tal-Ftehim Kollettiv applikabbli bejn ir-rikorrent u l-MIA plc., kif allegatament accettati mid-Diretttur intimat huma lesivi ghad-drittijiet fundamentali tieghu fit-termini tal-Artikoli 41 u 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet fundamentali tal-Bniedem marbut mal-

artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni relattivi ghad-dritt ta' assocjazzjoni u d-dritt kontra d-diskriminazzjoni.

Id-Direttur intimat jeccepixxi illi mhux il-kompitu tieghu fil-ligi li jaccetta jew japprova Ftehim Kollettiv u jaghmel referenza ghall-artikolu 5 (2) tal-Kap. 452 (Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali) tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

'Meta l-kondizzjonijiet tal-impieg jigu preskritti fi ftehim kollettiv, il-principal jew il-principali li jkunu parti fih ghandhom, fi zmien hmistax-il gurnata minn meta jigi ffirmat dak il-ftehim jibaghtu lid-Direttur kojpa tieghu awtentikata kif imiss.'

Isostni li ma hemm l-ebda referenza ohra fil-ligi dwar registrazzjoni ta' ftehim kollettiv. Jemfasizza li d-Direttur intimat huwa biss depozitarju tal-Ftehim Kollettivi u mhux il-kompitu tieghu li jezamina kull wiehed minnhom jew li japprova l-istess.

Illi fi kwalunkwe kaz il-kompitu ta' din il-Qorti fl-atti odjerni huwa sabiex f'kaz *dato ma non concesso* tqis li b'xi mod legalment id-Direttur intimat huwa tenut li jidhol f'analizi tal-kontenut tal-Ftehim Kollettiv u b'xi mod japprova l-kontenut tal-istess, allura f'dak il-kaz jekk il-proceduri ta' dixxiplina li qed jilmenta minnhom ir-rikorrenti hux verament lesivi tad-drittijiet fundamentali ndikati.

Illi l-artikolu 42 (1) tal-Kostitizzjoni ta' Malta jiprovdi:

'Hlief bil-kunsens tieghu stess jew bhala dixxiplina tal-genituri hadd ma ghandu jigi mfikjel fit-tgawdija tal-liberta' tieghu ta' ghaqda u assocjazzjoni pacifika, jigifieri, id-dritt tieghu li jinghaqad pacifikatmanet u liberament u jassocja ma' persuni ohra

u b'mod partikolari li j ifforma jew jappartjeni lil trade union jew unions jew assocjazzjonijiet ohra ghall-protezzjomi ta' l-interessi tieghu".

Illi l-artikolu 11 (1) tal-Konvenzjoni jaqra:

'Kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta' ta' ghaqda pacifika u ghal-liberta' ta' assocjazzjoni ma' ohrajn, inkluz id-dritt li wiehed jifforma u jihdol fi trade unions ghall-protezzjoni ta' l-interessi tieghu.'

Illi mill-atti hareg car li mhux talli r-rikorrent ma giex impedut milli jassocja ruhu fil-Union tal-ghazla tieghu talli rrizulta li hu stess kien kompartecipi sabiex giet iffurmata union bl-isem ta' Rampa Union li kienet tirraprezenta numru ta' impjegati tas-socjeta' intimata. Jirrizultaizda li dan ma jaghtihiex il-jedd awtomatiku fil-ligi li tkun parti fid-diskussjonijiet u firmatarja fi Ftehim Kollettiv. Fil-kaz odjern rrizulta li z-zewg unions l-ohra l-GWU u l-UHM haddmu mohhom u nghaqdu sabiex, peress li flimkien kienu jirraprezentaw il-maggoranza tal-impjegati, setghu jippartecipaw fid-diskussjonijiet tal-Ftehim Kollettiv. Jirrizulta li l-union li r-rikorrent liberament kien membru taghha dan ma ghamlitux. Il-Qorti ma ssib xejn lesiv tad-dritt fundamental ghall-assocjazzjoni tar-rikorrent f'dan ir-rigward anzi pjuttost bil-kontra.

Illi r-rikorrent izid li huwa gie diskriminat fit-termini tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu tal-Konvenzjoni ghar-raguni li ma kienx membru ta' union firmatarja fil-Ftehim Kollettiv. Il-Qorti rat li l-Ftehim Kollettiv jiprovdi mekkanizmu dwar kif jigu appuntati l-membri fil-Bord ta' Dixxiplina u l-Bord tal-Appell (paragrafu 5 gia kkwotat aktar il-fuq). Dan jiprovdi li wiehed mill-membri jintaghzel mill-kumpanija u wiehed mill-Union. Jiprovdi wkoll a

priori liema persuni setghu jigu nominati sabiex jagixxu ta' Chairman tal-Bord ta' Dixxiplina u l-Bord tal-Appell. Dan qabel ma jinfetah xi kaz partikolari. Il-Qorti rat li dan il-mekkanizmu fil-Ftehim Kollettiv, li r-rikorrent jidher li qed iqis li ghandu jigi applikat favur tieghu biss f'dawk il-partijiet li jrid hu u mhux fl-interita tieghu, japplika ugwalment ghall-impjegati kollha irrilevantement ta' liema union huma membri ghalhekk l-impjegati f'dawn il-proceduri huma lkoll trattati b'mod ugwali. Ta min jghid illi kieku ma kienx jezisti l-Ftehim Kollettiv in kwistjoni r-rikorrent possibilment lanqas kien ikollu l-possibilita' li jiddefendi l-kaz tieghu quddeim Bord ta' Dixxiplina u Bord tal-Appell u dan b'detriment tieghu stess u kien ikollu jmur direttament fit-Tribual Industrijali. Ir-rikorrent isostni li hu ma kienx jaqbel mal-persuni nominati kemm mill-kumpanija ghaliex sostna li kellu kunflitt ta' nteress u mill-Union ghaliex ma kienx jaf min hu w'ghalhekk ma jgawdix il-fiducja tieghu. Dwar in-nomina tac-Chairman ukoll sab x'jilmenta nonostante li l-ismijiet taghhom jkunu miftiehma bejn il-partijiet fil-Ftehim Kollettiv qabel kwalunkwe kaz dixxiplinari partikolari. Illi fl-ambitu ta' din il-lanjanza, fit-termini tal-artikolu ta' diskriminazzjoni ndikati mir-rikorrenti, l-Qorti ma tistax tara l-bazi fattwali tal-allegata diskriminazzjoni li qed isostni r-rikorrent. Il-Qorti ma tara l-ebda diskriminazzjoni fil-fatt li persuna li tigi aggudikata minn Bord, Tribunal jew Qorti ma tkunx taf personalment il-persuna li tpoggi fuq l-istess sakemm dan ikun gie nominat fuq l-istess Bord, Tribunal jew Qorti skont il-ftehim jew Ligi aplikabbli. L-artikolu 5 tal-Ftehim Kollettiv jirrizulta li kien jigi applikat b'mod ugwali ghal kulhadd ghalhekk ma tirrizulta l-ebda diskriminazzjoni.

Illi l-Qorti izda f'dan l-istadju terga lura ghall-eccezzjoni tad-Direttur intimat li eccepixxa li mihiex il-mansjoni tieghu fil-ligi li jevalwa l-kontenut ta' Ftehim Kollettiv meta dan jigi registrat

mieghu. Illi minn qari tal-ligi jirrizulta car li dan legalment huwa minnu ghalhekk anki ghal din ir-raguni biss l-ilmenti tar-rikorrent fl-ewwel talba tieghu ma jistghux jigu milqugha stante li ma jirrizulta l-ebda agir da parti tal-Istat li jista jigi meqjus bhala li jilledi l-jeddijiet fundamentali ndikati. Fi kwalunkwe kaz anki li kieku l-Qorti kellha tissorvola dan l-impediment legali, fattwalment il-Ftehim Kollettiv in kwistjoni, almenu fil-klawzola attakkatta, ma jirrizultax li huwa leziv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent fit-termini ta' l-artikolu 42 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 11 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem w'ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel talba tar-rikorrent.

**It-tieni Talba**

Illi permezz tat-tieni talba tieghu r-rikorrent isostni li fil-proceduri dixxiplinari fil-konfront tieghu huwa ma nghatax smiegh xieraq bi ksur tal-artikolu 39(2) u l-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Is-socjeta' intimata tqajjem l-eccezzjoni tar-*res judicata* f'dan ir-rigward u taghmel referenza ghall-proceduri u d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-atti tal-kaz numru 433/12/1 datata 17 ta' Maru, 2021.

Illi in linea ta' gurisprudenza sabiex jissussisti l-gudikat iridu jikkonkorru tlett (3) elementi u cioe' l-**eadem personae**, **eadem res** u l-**eadem causa petenti**. Fl-interpretazzjoni ta' dawn it-tlett (3) elementi moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Amelia Farrugia -vs- John Farrugia** deciza nhar is-16 ta' Jannar, 1996 inghad illi:

> 'Biex tintlaqa' l-eccezzjoni ta' res judicata hemm bzonn li jissussistu flimkien tlett elementi, cjoe eadem personae,

eadem res, u eadem causa petendi; jigifieri s-sentenza ta' qabel tkun inghatat f'kawza bejn l-istess persuni, maghmula ghall-istess oggett, u fuq l-istess kawzali.

Kien ritenut li hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anke meta l-meritu tal-kawza, ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta' qabel, jifforma parti mill-istess haga, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess.

Gudikat ghandu jkun rispettat minn kulhadd, u bir-rispett kollu dovut lill-Ewwel Onorabbli Qorti, s-sentenza appellata tippekka proprju ghaliex, prattikament injorat dan il-gudikat li ghalih irrifera l-konvenut fl-eccezzjoni tieghu.'

Illi dwar l-element tal-**Eadem Personam** gie ravvizat fis-sentenza **Charles Grixti -vs- Salvino Schembri et** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' April, 1958 illi:

'Biex din l-eccezzjoni tista' tirnexxi hemm bzonn li jigi ezaminat jekk jikkonkorrix l-ewwel element tal-gudikat, dak, jigifieri, jekk is-sentenza diga msemmija kienitx giet maqtugha f'kawza bejn l-istess partijiet li jidhru bhala kontendenti fil-kawza odjerna.'

Illi dwar l-element tal**-Eadem Res** fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Camilleri vs Lilian Mallia** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Ottubru, 1958 inghad illi:

'Kriterju razzjonali biex f'kull kaz jista' jinghad jekk u meta jkun hemm l-identita' ta' l-oggett bejn l-ewwel kawza disposta b'sentenza u t-tieni kawza opposta bl-eccezzjoni tal-gudikat hu, dak li wiehed jezamina jekk il-kwistjoni li tigi

sollevata bit-tieni domanda gietx jew le deciza bil-gudikat precedenti, fi kliem iehor, jekk il-punt li jigi diskuss fit-tieni kawza giex jew le gudikat bis-sentenza ta' qabel jew jekk dik l-ewwel sentenza hallietx dak il-punt impregudikat.'

Illi dwar l-ahhar element **Eadem Causa Petendi** inghad fil-kawza fl-ismijiet **Assunta Cassar -vs- Dr Carmelo Zammit noe** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l-4 ta' Marzu 1960 illi:

'… kwantu ghall-identita' tal-kawzali (causa petendi) din hija l-origine della domanda … ossia l-obbligazzjoni li hija ghab-bazi ta' l-azzjoni.'

Illi permezz tat-tieni talba tieghu ir-rikorrent isostni li bil-fatt li hu ma setghax personalment jaghzel il-membru fuq il-Bord allura gie vjolat id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq. Huwa ampjament evidenti li dan l-ilment gia tqajjem fil-kawza bin-numru 433/12/1, gie debitament kunsidrat minn dik il-Qorti u gie definitivament michud permezz ta' decizjoni li llum hija ***res judicata*** bejn ir-rikorrent u s-socjeta' intimata. Fil-fatt fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, dwar l-allegata lezjoni tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq tar-rikorrent fl-ambitu tal-isteess proceduri dixxiplinari msemmija fil-kaz odjern gie deciz kif isegwi:

36. 'Illi l-Qorti tqis li din il-fehma toħroġ ukoll minn deċiżjonijiet li jirrigwardaw ilmenti ta' ksur ta' smigħ xieraq u dwar jekk il-funzjonijiet ta' bord ta' dixxiplina jkunux jaqgħu taħt l-iskrutinju li jintuża fil-każ tal-proċeduri quddiem il-Qrati jew tribunali[13]. Dwar dan, id-difensur tal-appellant għamel aċċenn sewwa fuq il-kwistjoni ta' kif, mal-medda taż-żmien, il-kriterji tal-imparzjalità u l-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq twessgħu biex jgħoddu wkoll għal proċeduri dixxiplinari rigwardanti ħaddiema jew professjonisti. Din il-Qorti tqis li s-sottomissjoni tal-appellant kien ikollha

---

[13] B'eżempju, ara Kost. **12.2.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Grace Gatt v. Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et*** §§ 46 – 7

siwi li kieku l-proċeduri ta' dixxiplina li tressaq taħthom ma kinux finali u konklussivi jew ma kellu l-ebda rimedju wara l-eżitu tagħhom. Imma dan ma kienx il-każ, u għalhekk, il-fatt li l-liġi kienet u għadha tagħti lil persuna suġġetta għal proċeduri dixxiplinari l-jedd li tikkontesta dawk il-proċeduri quddiem qorti, iġib miegħu li bord jew korp imwaqqaf biex jeżerċita funzjonijiet dixxiplinari ma jkunx jaqa' taħt il-kejl mistenni minn qorti jew tribunal. F'dan ir-rigward ingħad li "*even where an adjudicatory body determining disputes over 'civil rights and obligations' does not comply with Article 6§1 in some respect, no violation of the Convention can be found if the proceedings before that body "are subject to subsequent control by a judicial body that has full jurisdiction and does provide the guarantees of Article 6§1"*[14];

37. Illi safejn l-aggravju tal-appellant jirrigwarda ċ-ċirkostanzi partikolari tal-appellati jew ta' wħud minnhom, b'mod partikolari fl-għoti ta' konsulenzi lil MIA ma' ħwejjeġ ta' xejra industrijali, l-ewwel Qorti sabet li ma kien hemm xejn x'iżomm lil MIA milli taħtar persuna bħal dik fost il-persuni li jistgħu jidhru fuq il-Bord ukoll jekk kienet konsulent tagħha. Din il-Qorti tqis li bħala persuna fdata bil-funzjoni ta' aġġudikazzjoni, persuna bħall-appellati hija mistennija li mhux biss tidher iżda tabilħaqq tkun indipendenti u imparzjali fit-twettiq tal-ħatra tagħha u miftuma minn xi interess fil-mertu tal-aġġudikazzjoni. B'dan il-mod biss jista' jigi assikurat serħan tal-moħħ tal-persuna li ser tiġi aġġudikata li l-process ikun wieħed għal kollox trasparenti[15]. Il-Qorti tqis ukoll li persuna tintgħażel fuq bord għaliex tkun midħla jew ikollha tagħrif fil-materja li qiegħda quddiemha. Jidher biċ-ċar li, b'xi mod jew ieħor, kull wieħed mill-appellati kien persuna midħla sewwa fil-qasam industrijali. Minbarra dan, il-ħatra tagħhom hija l-frott ta' qbil minn qabel inbeda l-każ tal-appellant mill-partijiet li ffirmaw il-ftehim kollettiv u dak dwar il-proċedura dixxiplinari. Fl-aħħarnett, il-Qorti tqis li l-mod tal-ħatra tal-Bord u tal-Bord tal-Appelli li dwarhom l-appellant jilmenta f'din il-kawża jidher li huwa l-istess mod kif inħatru l-Bord u l-Bord tal-Appell li semgħu l-każijiet tiegħu ta' dixxiplina qabel u li l-appellant ma ilmenta bl-ebda mod minnhom f'dak iż-żmien;

38. Illi fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li lanqas dan it-tieni aggravju ma huwa mistħoqq u mhux se jintlaqa'.'

---

[14] Q.E.D.B. **8.10.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Grace Gatt v. Malta*** (Applik. Nru. 46466/16) § 79

[15] App. (Inf.) MCH **19.6.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Kunsill Lokali Pembroke et v. L-Awtorità tal-Ippjanar***

Illi l-gudikat suespost jorbot kemm lir-rikorrenti kif ukoll lis-socjeta' intimata. Verament f'dawk l-atti ma kienx parti id-Direttur intimat izda dan ghar-raguni semplici li qatt ma kien parti f'dawk il-proceduri ta' dixxiplina u s-sitwazzjoni ghadha hekk sal-lum. Il-fatt li fil-kawza odjerna r-rikorrent ghazel li jintima wkoll lid-Direttur ma jrendix l-eccezzjoni tar-*res judicata* fix-xejn altrimenti wiehed ikun qed jaghti lok ghall-abbuz li sabiex jevita l-effetti tar-*res judicata* semplicement izid intimat fil-kawza kif jidher li sehh fil-kaz odjern.

Illi in oltre fi kwalunkwe kaz, anki fil-konfront tat-tieni talba, tapplika l-eccezzjoni tad-Direttur intimat illi mhux il-kompitu tieghu fil-ligi li jaccetta jew japprova Ftehim Kollettiv b'referenza ghall-artikolu 5 (2) tal-Kap. 452 (Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' wkoll d in l-eccezzjoin tad-Direttur fil-konfront tat-tieni talba tar-rikorrent.

Salv dak suespost fir-rigward tad-Direttur, stante li l-Qorti tqis li fir-rigward ta' din it-tieni talba d-Direttur gie ntimat ghal xejn ghaliex kemm fattwalment kif ukoll legalment ma ghadu x'jaqsam xejn mal-proceduri ta' dixxiplina in kontestazzjoni, l-Qorti tqis li bejn ir-rikorrent u s-socjeta' intimata jissussistu l-elementi rikjesti sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tar-*res judicata* mqajjma w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess u tichad ukoll it-tieni talba tar-rikorrent.

**It-tielet talba:**

Illi fit-tielet talba r-rikorrent jitlob li l-Qorti tiprovdi rimedju f'kaz li tilqa' l-ewwel u/ jew it-tieni talba. In vista li l-Qorti ser tghaddi

sabiex tichad l-ewwel u t-tieni talba, konsegwentement ser tghaddi sabiex tichad ukoll din it-tielet talba.

**Konkluzjoni:**

Illi mill-atti odjerni u dawk annessi l-Qorti tqis li l-kaz odjern kjarament huwa tentattiv fjakk da parti tar-rikorrent sabiex juza din il-Qorti Kostituzzjonali bhala Qorti tat-tielet grad wara li ma hax ir-rizultat li xtaq hu permezz tal-proceduri 433/12/1 li huma *res judicata* u jittenta jkompli jtawwal il-proceduri li verament jimmeritaw li jaslu ghal terminazzjoni u cioe' dawk pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi din il-lanjanza kostituzzjonali kif isegwi:

1. Tilqa' in parte l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet preliminari tal-Malta International Airport p.l.c. intimat sa fejn dawn jirrelataw it-talbiet tar-rikorrent ghal dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu izda tichadhom fir-rigward tat-talba ghal rimedju fit-termini tat-tielet talba tar-rikorrent;
2. Tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-intimat Direttur Generali fil-konfront tat-talbiet kollha tar-rikorrent;
3. Tilqa' t-tielet eccezzjoni preliminari tal-Malta International Airport p.l.c. stante li jirrizulta li t-tieni talba tar-rikorrent hija *Res Judicata* bejn ir-rikorrent u s-socjeta' intimata;
4. Tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimati sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz; u
5. Tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrent.

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' April 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**27 ta' April 2023**